ALF. M. GALEA

# DUN MICHIEL RUA

« *Collox għall Alla u Għalih biss !* »
Cliem Dun Rua.

GUŻE CASSAR PULLICINO BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES

Nru. 111.

MALTA
Stamperìa ta G. Muscat, 213 Str. S. Orsla, il Belt

1911.

Proprietà Letteraria

ta Alf. M. Galea

# DUN MICHIEL RUA

B'tifchira ghalina il Maltin



DUN MICHIEL RUA

LIL

VEN. ADELAIDE CINI

U LIL

FRA DIEGU

NITLOBHOM JILKGHU DAN IL CTIEB

FUK HAJJIÊT DUN RUA

U GHANDI TAMA

ICUN GHAL KALBHOM

*Tas-Sliema, it-2 ta Auuissu 1911.*

*Alf. M. Galea.*

*F'dac collu illi nsemmu f'dan il ctieb fuk il ħajja ta Dun Michiel Rua, aħna feħsiebna nokogħdu għa'd-digriet tal Papa Urbanu it-VIII ta' t-13 ta marzu 1625 u id-digriet l'ieħor tiegħu tal 5 ta ġunju 1631.*

LIL ĦBIEB TAGĦNA,

*Chellna fehma kaŭŭija li in-Nru.* 101 *ta daŭn il* «COTBA TAL MOGĦDIJA TAZ-ŻMIEN» *chien icun igîb isem Dun Michiel Rua; imma, din ix-xeŭka ma stajniex ntemmuha kabel issa! Ngħidu is-seŭŭa, għâd illi usalna biex noħorġuh dan il ctieb, ftit li xejn għâdna nistgħu ngħidulcom fuk Dun Michiel Rua. Tgħidulna: « Mela, għaliex ma tittenneŭx dakxejn ieħor? din il għaġla collha magħcom, għalfejn? ħadd m'hu jiġri urajcom!»*

*Collu minnu: iżda, billi nokogħdu niddaŭŭru iżjed, ftit nirbħu. Bħall issa, bosta minncom għâdhom jiftacruh meta giè haŭn Malta, xi oħrajn chienu raŭh Torin jeŭ Ruma; u jecc nokogħdu nittenneŭ sa ma jictbu dac collu li hemm x'jictbu fuku, mûr ara meta conn'na naslu bih dan il ctieb! Tarġa, għâd li mîn jittenna jithenna, bħalma ngħidu aħna il Maltin, nerġgħu neħlu xort'oħra; għaliex għall daŭn il cotba iż żgħâr tagħna, jaħtigilna nokogħdu bl'imkâs f'idejna biex dejjem nkassru, nclelè ma ndaħħlux fihom dac li l'actar jinħtieġ!*

*Minn ħmistax il xahar l'haŭn, colma rnexxielna nafu fuk Dun Rua, ġbarnih b'għożża cbira għall dan id-dakxejn ta ctieb; li stajna niftacru, żammejnih geŭŭa moħħna, dejjem b'ix-xeuka li nagħmlu mill aħjar li nistgħu. Jecc ma noħorġux magħcom ta rgiel.... ħtija tagħna, għaliex ma ninkalgħux biżżejjed. Nitolbucom takraŭh, bla ma tkisu ŭisk chif inhu mictub.*



*Madŭar il mitt elf ruħ bdeŭ għaddejjin magenbu, ibusulu îdu . .*

## Mill Meut għall Hajja !

L'24 ta ġunju ta bħal sa sèna (1910), Dun Michiel Rua chellu ikaddes cantât b'tifchira tal «Ħamsin Sèna» li chienu icunu għaddeŭ mindu kaddes l'eŭŭel darba. Dac inhar, l'erbat elef Uliedu— is-Salesiani ta Dun Bosco—chellhom ħsieb juruh l'imħabba tagħhom u jiżżuhħajr talli għamel għalihom. Ma laħħakx!.... Alla l'imbierec ried jurihom xort'oħra chemm chien jafulu lil Dun Michiel Rua għalli hàdem f'daŭc il ħamsin sèna għal gîd tal erŭieħ.

X'ħin xterrdet ix-xniegħa tal marda tiegħu, dlonc bdeŭ imorru iżuruh fl'Oratorju ta Valdocco, Cardinali u Iskfijiet, Cbarât u Għorrjief u Nies ta's-Snajja, tfâl u xjuħ, għaliex kalb colħadd gibed lejh dan il Kassis li katt ma fettex lilu in-nifsu, li dejjem ried chiecu ismu jaħbih, biex jissemma Dun Bosco biss!

Dŭar xahrejn sħâħ, daks chemm dâm mixħut f'kiegħ ta sodda, m'id-dinja collha bdeŭ jistaksu xi ħbaru,

u il Papa ta sicŭit jixtiek jâf chif iħossu. Semmeŭlu fuk daŭn il mistoksijiet lil Dun Rua, u hu faħħar l'Alla minn din l'imħabba collha, għaliex minn Alla chien jafha u minn Dun Bosco.

Is-6 ta april 1910, ħàbta ta'd-9,30 ta filgħodu, Dun Michiel Rua daħal fil mistrieħ u il hena ta dejjem. Minn dac il ħin, u għall jumejn sħâħ, madŭar il mitt elf ruħ bdeŭ għaddejjin magenbu, ibusulu îdu: chien donnu rieked, bi tbissima fuk xoftejh! Tista katt tibka tifchira akŭa minn din, illi Dun Michiel Rua chien bniedem t'Alla, li ħàdem għomru collu għal gîd tal eruieħ, li katt darba ma kies lilu in-nifsu ?

Aŭl-il-lejl, ŭasal Torin l'iskof ta Ravenna, Monsinjur Bascal Morganti, ŭieħed mill akua tfâl li trabbeŭ taħt Dun Rua għal għerf u il ħeġġa tiegħu għall gîd tal erŭieħ. Chif daħal għandu, Dun Rua ħareġ dirgħajh minn taħt il friex biex igħannku: «*Issa nħossni f'sicti !* » kallu għa't-tielet darba. Ma'n-nofs ta nhar, Dun Rua kaleb għall agħâr; f'xi l' 10 bèda inakkas: «*Iva, Dun Bosco! Iva, gejj miegħec jien ucoll! . . . . Dun Bosco, gejj miegħec!*» kâl Dun Rua. Monsinjur Morganti jiersak lejh, u Dun Rua jitolbu ibiercu. Mîn jista haŭn iżomm id-dmugħ ? « *Issa mûr strieħ !* » talbu Dun Rua. Ftit siegħât kabel, chien kâl: «*Ser nara nistagħx immur il Genna rieked!*» Ħadd le ma ħaseb li sejjer isebbaħ; imma, Dun Rua xejn ma chien jaraha bi cbira l'imut, għaliex moħħu mistrieħ billi ruħu safja. Dakkeu il 11; daŭc ta madŭaru talbuh iberichom; Dun Rua rafagħ îdu biex ibierec, iżda megħjun mill kassis ta magenb rasu: colħadd nfexx jibchi !

Sal aħħar nifs ta ħajjtu, il kalb cbira ta Dun Rua

chienet mixgħula bl'imħabba t'Alla u tal erŭieħ: x'ħin it-tabib dâr lejn ta [madŭaru u fissrilhom b'îdu, għaliex bil fomm ma satagħx, li it TIENI MISSIER tagħhom telak għall Genna, colħadd fehemha li Dun Bosco niżel jilkgħu biex flimchien ifaħħru il ħniena t'Alla u jitolbuh għall Uliedhom is-Salesiani li iżomm idejh fukhom biex jibkgħu mexjin dejjem f'it-triek li huma it-Tnejn flimchien ŭetteŭlhom għal gîd tagħhom nfushom u ta daŭc l'eluf ta tfâl li issa telkulhom fi ħsiebhom.

Ma l'eŭŭel dakka tal kampiena il cbira tal cnisja tal Oratorju tal Valdocco, ir-rassa ta nies li ngabret f'id-Dâr u il btieħi, ilcoll sictu f'dakka uaħda, u dlonc ħemda tal meŭt, u ilcoll igħidu taħt il-lsienhom xi talba għa'r-ruħ Dun Rua.

Fl'4 ta fuk ofs-inhar, daħal l'Oratorju ta Valdocco, is Sindcu Vittorelli tal belt ta Torin li chien bagħtu l'On. Calissano fl'isem tal Gvern taljan biex jati l'għomor l'is-Salesiani u jiżżiehom ħajr talli għamlu għa't Taljani li jinsabu mxerrdin fl'artijiet tal bgħid tal Amerchi.

Il Papa bagħat minnufih għarrafhom chemm egħla għalih u li talab għa'r-ruħu, u għamlilhom il kalb, għaliex għâd li minnu tilfu Missier, rebħu ieħor li jiekaf magħhom mill Genna. It-telegrammi li ŭaslulu lil Dun F. Rinaldi, Perfett ta's-Salesiani, ħŭejjeġ cbar: erba' u għoxrin ta Cardinali, fuk it-tliet mija ta Iskfijiet u Arciskfijiet; mbagħd, ta' Regina Margherita, tal Principissa M. Letizia, ta'd-Duca ta Genŭa, tal Principissa Clotilde, u l'eluf l'oħra ta cbarât minn coll xorta, u ħbieb ta's-Salesiani. Ilcoll ureŭhom chemm Dun Michiel Rua chien għal kalbhom u chemm chienet tistħokklu dic l'imħabba ta colħadd għal gîd li dejjem għamel.

Il gazzetti, mbagħd, ma ngħidu xejn, u l'isbaħ li chitbu fuku, ħaġa tal għageb, daŭc li ftit li xejn jaħmluhom lil kassisin. Fosthom, il *Giornale d'Italia* kâl: «Meta it-tieba ta bdiedem takbel ma egħmîlu, colħadd isir fehma ŭaħda miegħu, colħadd jingibed lejh, colħadd iħobbu, u tistħokklu il kîma ta colħadd.» F'*La Perseveranza,* gazzetta oħra ta fehma ŭaħda ma ta kbilha, fost ħŭejjeġ oħra, nakraŭ daŭn il chelmjiet: « Lil Dun Rua, li issa mejjet, Lilu li ħàdem flimchien ma Dun Bosco u issocta jaħdem ŭaħdu dac ix-xogħol ta bejn tnejn, jistħokklu it-tifħir ta daŭc li chienu cbar għal cobor tal mħabba ta kalbhom; u dan jista jixhdu bla ma jirgħex mkâr mîn ma chienx jakbel ma fehemtu. U m'hux biss ta dan; iżda, collha il fehmjiet imisshom jiltakgħu biex flimchien ifaħħru lil Mîn katt ma nakas minnu li jagħmel Hu l'eŭŭel ŭieħed dac il gîd collu l'iŭissiehom jagħmlu lil oħrajn.»

Semmejna fuk li kalu daŭn il gazzetti biss, għaliex, nafuha! daŭc l'iħobbu l'is-Salesiani ta Dun Bosco, ma setgħux ma ifaħħruħx, la darba ħbieb tiegħu u tistħajjilhom jafuh tajjeb. Il gîd jarah colħadd, l'imħabba tiġbed il klub collha, mkâr ta mîn ma jakbilx mal fehma tiegħu.

Dun Michiel Rua mjet ta 73 sèna.

Mjet !.. X'uħud minn nies. ma imisshomx imutu ! il ħajja tagħhom, tagħlima ; il għmil tagħhom, ctieb tal għerf ; l'imgieba tagħhom, għajn ta tieba li minnha tixrob ilma tal ħajja li bih tistejker.

Isimgħu Monsinjur Salotti x'igħidilna għalih: «Jecc għâd Alla l'imbierec icun irid li ŭara Dun Bosco, il Cnisja Mkaddsa taħseb tgħolli mal kaddisin lil Dun

Rua, mîn icun jista igħoddhom daŭc l'imorru jixhdu fuk il kdusija tiegħu ? Xorta icunu jistgħu isemmu fukhom il Dun Bosco u il Dun Rua ! »

U m'hux ta b'xejn lil Dun Rua igħidulu it-TIENI DUN BOSCO ! Ŭara il meŭt ta Dun Bosco, is-sèna 1888, Uliedu is-Salesiani chienu jilħku ma't-tminn mija ; ħaġa cbira, hux ? Ŭara it-tnejn u għoxrin sèna trigija ta Dun Rua, chienu fuk l'erbat elef ! Id-Djar għa't trobbija ta't-tfâl f'it-tieba u is-snajja, laħku erba' u sittin, mkassmin bejn l'Italja, Franza u Spanja fl'Europa, u fl'Argentina, l'Uraguaj, il Chilì, il Brażil, il Patagonja u l'art tal Fueghini fl'Amerchi. Dun Rua laħħakhom tliet mija ŭieħed u erbgħin, mkassmin fl'artijiet li semmejna, u mbagħd f'it-Ticin, il Colombja, il Belġu, l'Algerija, it-Terrasanta, il Messcu, il Portugall, Venezuela, Perù, Austrija, Tunisija, Bolivja, Egittu, il Câp, il Paraguaj u l'Amerchi-ta-Fuk, Salvador, l'Antilli, it-Turchija, l'Indji, ic-Cina, il Możambîc fl'Affrica-tal-Lvant, u Costarica, Honduras u il Panamà; barra milli fil Patagonja żjed daŭc tal artijiet tal Hivaros u ta Guadaliża fl'Ecŭatur u fl'art tal Bororos f'Matto Grosso tal Brażil.

Don Rua ma mjietx, le ! Don Rua jibka jissemma bħal Dun Bosco, il għaliex bħalu nistħajjluh jitchellem b'dac collu li ħalla bħala tifchira tiegħu, bil gîd collu li għamel f'id-dinja!



### 1. X'tista taghmel Ngravata!

« Chemm hi sbejħa din l'ingravata! Mnejn xtrajtha?» staksa it-tifel Chelinu Rua lil ŭieħed minn sħabu li chien sejjer għall Grîżma. (Chelinu chien għamilha is-sèna ta kàbel, f'is-seba' sèna tiegħu).

« Ih! ma xtrajthiex!.... klajtha otterija fl'Oratorju ta Duñ Bosco.

« Mîn hu Dun Bosco? » ried jâf Chelinu.

« Kassis minn tagħna, li coll Nhar-ta-Ħadd jiġbor madŭaru ħafna tfâl bħali, jiġri u jilgħab magħna, igħallimna id-dutrina u itina ħafna xorti sbieħ. Il-bieraħ messitni din l'ingravata!

« U jecc nigi magħcom, tgħid, ncun nista niddobba xiħaġa ucoll?

« Mela, le? Jecc joħroġloc in-numru tiegħec ...

« Mela, il Ħadd li gejj nitlob l'ommi tħallini nigi magħcom. Fejn tiltakgħu?

« Fil bitħa tal Istitut ta Santa Filomena, għaliex Dun Bosco cappillan ta hemm.

U iddaŭŭru siegħa, daŭn iż-żeŭġt itfâl, jitħaddtu bejniethom fuk l'ingravata u fuk Dun Bosco; u coljum sal Ħadd ta ŭara, bakgħu isemmu fuk hecc! Chelinu Rua, għâdu ankas biss ma jafu, ngibed lejn dan Dun Giŭann Bosco, għaliex bèda jistħajjlu kassis tŭajjeb ħafna u l'iħobb it-tfâl! Mîn chellu igħidlu li għâd icun ħaġa ŭaħda miegħu? Dic il ħàbta, Chelinu Rua satagħ chellu tminn snîn.

Chif sebaħ Nhar-ta-Ħadd, it-tifel talab l'ommu tħallih imur fl'Istitut ta Santa Filomena biex jiltaka ma't-tfâl l'oħra ta Dun Bosco. Dac ferħ miegħu! Dac in-nhar bakagħ mingħajrha l'ingravata, għax ankas biss



*Ven. Dun Bosco*

ma nzerta chien hemm otterija ; imma, feraħ ŭisk għaliex ra lil Dun Bosco.

Dun G. Bosco chien għâdu ma ltaka' ma ħadd li tħajjar igħinu dakxejn ŭaħda f'dan ix-xogħol ; minn fuk, x'uħud daħħlu f'moħħom li Dun G. Bosco chien sejjer jitlef rasu mħabba l'opra li ried iŭakkaf u ħàbtu ifixcluh bl'icrah! * Chelinu ma damx ma ntebaħ, u mill lakgħa li għamillu Dun Bosco minn x'ħin rah kuddiemu l'eŭŭel darba, u mill ħârsa tiegħu ta ħleŭŭa cbira, daks chemm ngibed lejh, Chelinu ma chien jâf jitħaddet ħlief fuk Dun Giŭann Bosco.

Nħallicom taħsbu Chelinu chemm egħla, meta, ftit gimgħât fuk dac in-Nhar-ta-Ħadd, hua u sejjer jitlak għall għand Dun Bosco ŭara il kuddiesa, il kassis kallu:

« Fejn sejjer b'din il għaġla collha il-lum, Chelin?

« Għand Dun Bosco !

« Mel'int ma tafx ?. . . .

« X'inhù ?. . .

* *Daŭc li giehom f'idejhom in-Nru. 25 ta daŭn il « Ctba tal Mogħdija taz-Zmien » fuk ħajjiêt Dun Bosco, mictub minn għand Dun Aluiġ Galia, jafu biżżejjed chemm tfixchil ltaka' miegħu il Ven. Dun Bosco sa ma ŭakkaf l'Oratorji Salesiani tiegħu.*

« Dun Bosco marid !

« Marid ?.. M'îlnix li rajtu għaddejj minn haūn !

« Issa, billi ?.. Marid, u ma nafx ifiekx mill marda li għandu.»

Chelinu, kalbu dejjka għall aħħar, actar għaggel biex jasal cmieni għand Dun Bosco; u ma stagħgibx ftit jarah daħcani u fuk ruħu bħalma dari! Il marda ta Dun Bosco chienet f'moħħ daūc li riedu igħadduh b'miġnun! Billi Dun Bosco, illi Alla l'imbierec urih chemm il darba x'chellu għâd jagħmel għal gîd tal erūieħ, chien ta sicūit iħajjar lil ħbieb tiegħu il kassisin ituh dakka t'îd fl'Istituti li chellu iūakkaf bil għajnuna ta's-Sèma, u daūc ħasbuh kiegħed jitlef moħħu!

Żmien ūara, Dun Bosco ħares dakxejn ūaħda lejn Chelinu; u mbagħd għadda îdu il lemenija fuk îdu ix-xellugħija, bħallichiecu b'sicchina:

« Chelinu, » staksih, «trid chiecu nagħmlu hecc ? » u tbissem jidħac.

« Mîn jâf x'irid igħid b'dan ! » ħaseb bejnu u bejn ruħu it tifel. L'actar, mbagħd, meta din il mistoksija għamilhielu darbtejn, tliet'oħra.

Għadda żmien bi żmien, u meta Chelinu Rua libes chiericu (aħna ngħidu *abbati*), staksa lil Dun Bosco x'ried igħid biha din, l'actar għaliex lilu biss chien jagħmilha. U Dun Bosco, sa fl'aħħar, fehmu x'ried ifissirlu biha; jigifieri li ix-xogħol li daħal għalih, għâd jaksmuh bejniethom !

U tasseū li din l'Opra salesiana, xogħol bejn tnejn: bejn Dun Bosco u Dun Rua!

2. - Dun Michiel Rua



*Fl' Istitut Salesian ta S. Patrizju ta tas-Sliema. — Il-Mastrudaxxi*

## 2. It-Tieni Dun Bosco

Ġannina chienet romlot, u żeŭġha, Ġampatist Rua, chien ħallielha fi ħsiebha it-tlet uliedu mill eŭŭel màra, u it-tlieta l'oħra tagħha, li fosthom Chelinu. Ġannina Rua, fil fakar tagħha, għaliex żeŭġha ma ħalliehiex fil ŭisa bil kliegħ żgħir tiegħu, l'uliedha chienet dejjem iżżommhom ndâf u fuk collox trabbiehom iħobbu l'Alla u l'għajrhom. Lil Chelinu chienet bdiet tibagħtu jitgħallem għand il *Frères**, li chellhom scola f'Valdocco, fejn hi chienet tgħammar. Dic is-sèna (1845), Dun Bosco chien imur sicŭit għand il Frères; u it-tfâl collha, hecc chif jaraŭh dieħel, jitilku għall madŭaru, u frattarija sħiħa, u ilcoll iridu ìkerru għandu. Dic il ħàbta, ġrât il biċċa tal ngravata li għâdni chemm semmejtilcom.

Ħames snîn ŭara, Dun Bosco sejjaħ lil Chelinu u staksih:

« Iss'int x'feħsiebec tagħmel il kuddiem ?

« Nieħu is-sengħa ta missieri u ngħin l'ommi; daks chemm għamlet għalina, jaħasra !

« Ma tixtiekx chiecu tissocta titgħallem ?

« Iva, ħafna ! Imma, għall issa niddobba chif nista!

« Għidli ftit ; chiecu tibda titgħallem il latin. . . . u il kuddiem, Alla l'imbierec icun iridec issir kassis . . . jogħġboc hecc ?

« Iva, u chemm ! . . Imma, mîn jâf ommi xi tgħid ?

---

* *Jecc takraŭ in-Nru. 77 ta daŭn il «Cotba tal Mogħdija taz-Zmien» msemmi* MASTRU PEPP, *tcunu tafu tajjeb mîn chienu daŭn l'eŭŭel mgħallmin ta Chelinu. U meta Dun Michiel Rua giè haŭn Malta l'eŭŭel darba, is-sèna 1906, mâr għand il Frères jarahom, u semmîlhom ta meta chien tifel imur li scola għandhom f' Valdocco.*

« Staksieha l'ommoc. . u mbagħd għidli, Chelin.

Ankas biss laħak daħal id-dâr, dlonc mâr staksieha l'ommu chif ħajjru Dun Bosco:

« Mkâr, ibni, li cont narac kassis ! X'ma nifraħx ! Għidlu, iva, lil Dun Bosco, illi minn għalija, nħallic b'kalbi collha tibka titgħallem daks sèna oħra, u mbagħd naraŭ.

Chelinu bèda ilaklak, għaliex ftacar li chien ŭiegħed l'is-surmast tiegħu tal Frères, ragel tajieb ħafna, li jecc hu jibka Torin, Chelinu jitlob jidħol magħhom. Fuk hecc illi hu ma ŭiegibx «Iva !» mill eŭŭel lil Dun Bosco; imma, nzerta li dac il Frère, ma tûl is sèna bagħtuh band'oħra, u minnufih Chelinu fetaħ kalbu ma Dun Bosco. Għadda żmien bi żmien; u bosta snîn ŭara, dac is-surmast ta Chelinu mâr ibûs îdejn Dun Michiel Rua, u għannku u b'kalbu:

« Ŭisk aħjar hecc ! » kallu. «Li cont dħalt magħna il Frères, actarx ma contx tagħmel dac il gîd collu l'int kiegħed tagħmel issa bħala kassis u ħaġa ŭaħda msieħeb ma Dun Bosco !

Ruma, bħal sa sèna, chellimt lil Dun G. B. Francesia, ŭieħed m'is-Salesiani ix-xjuħ, ragel kaddis, li m'ilux chiteb ħajja kasira ta Dun Michiel Rua*. Dan, fi tfulitu, chien imur li scola ma Chelinu, fl'Oratorju ta Dun Bosco. «Darba ŭaħda» igħidilna Dun Francesia, «meta conn'na għâdna tfâl flimchien fl'Oratorju ta Dun Bosco, moħħna fih biss u ħliefu għal na ma hemm ħadd f 'id-dinja, conn'na nsemmu bejnietna mîn għâd jista icun ŭara Dun Bosco biex jieħu ħsieb l'Oratorju. Dic il ħàbta, barra minn

* D. MICHELE RUA *Primo Successore di Don Bosco, Memorie del Sac. G. B. Francesia.*

xi abbatini, Dun Bosco ma chellu il ħadd mîn itih dakka t'îd, għaliex il ftit kassisin li chienu għanuh sa dac iż-żmien, ŭieħed ŭara l'ieħor, tŭarrbu ilcoll chemm chienu, chif tŭarrbu ucoll uħud m'it tfâl li chienu îlhom l'actar fl'Oratorju. Stajna conn'na ħamsa jeŭ sitta: u dac ma igħoddx u l'ieħor ankas, ħsibna li ħadd minn'na aħjar minn Chelinu Rua ma satagħ icun maħtur biex jissocta ix-xogħol ta Dun Bosco.»

Tasseŭ li Alla bosta drabi jitchellem b'fomm it-tfâl! Chif kalu huma, nzertaŭha seŭŭa : u Chelinu chien għâd għandu ħmistax il sèna ! Mbierca il ħniena t'Alla! Colħadd chien iħobbu lil Chelinu, u chien jistħokklu għa't-tieba tiegħu.

« X'għandec, Chelin, donnoc kalbec dejjka? » stak-sih darba sieħbu, it tifel Francesia.

Chelinu rafagħ għainejh lejn is-sèma, u ŭieġbu:

« Mietli ħija !

Chelinu nġabar il cnisja, jitlob jitlob għa'r-ruħ ħuh, u ma damx jitlob ftit.

Issa, x'sejjer isir minn ommu?

Dun Bosco iddubbalha minnufih dakxejn ta dâr ma-genb l'Oratorju; u hemm bakgħet sa mietet in-*Nanna* Gherit, omm Dun Bosco; u mbagħd daħlet għa'x xogħol hi, u saret ħaġa ŭaħda mal Oratorju bħalma chienet in-*Nanna* Gherit, li taraŭ ix-xbieha tagħha fil faċċ. 25 ta dan il ctieb. U Chelinu satagħ jibka ma Dun Bosco.

Kallu darba ŭieħed minn sħabu lil Chelinu:

« Dun Bosco semmielna li int għâd tissocta din l'Opra tal Oratorju. Dun Bosco moħħu fîc... u kalilna li għâd tcunlu ta għajnuna cbira.»



*L'Oratorju Salesian «Ven. Dun Bosco» ta tas-Sliema—Is-sèna li għaddiet (1910)*

### 3. Kuddiem Piu id-IX.

Chelinu baka' dejjem sejjer il kuddiem f'it-tagħlim u f'it-tieba. Il ħleŭŭa tiegħu ma sħabu u ma colħadd, ħŭejjeġ cbar. L'imħabba tiegħu lejn Dun Bosco, ticber coljum: il chelma ta Dun Bosco, għalih ma hemmx fejn tasal iżjed! Imma, Chelinu, meta għandu jagħmel xiħaġa, ħadd chelmtu ma jicsirhielu.

Darba, ŭieħed m'is-surmastrijiet mâr talab lil Dun Bosco jibagħtlu il xiħadd l'igħallem l'aritmetca. Dac iż-żmien, l'Italja chienu għâdhom chemm daħħlu l'użin u l'ikjies bil *metru* (bħalma sejjrin idaħħlu Malta *is-sèna li gejja*, f'loc ir ràtal u ix xiber, u il ŭejba u il kasba) u għall eŭŭel nkala' taħŭid u tfixchil li ma ngħidilcomx; Dun Bosco ħareġ ctieb fuk dan, u dic il ħàbta in-nies nkdiet bih ġmiela. Chelinu, li chien laħak libes abbati sentejn kàbel (it-3 ta ottubru 1852), issa sâb ruħu, hu u sħabu, iridu jiġru minn camra għall oħra ta's-surmastrijiet tagħhom, għaliex is Seminarju miżgħud b'is-suldati, mħabba it-taklib fil belt. Haŭn Dun Bosco bagħat l'abbati M. Rua igħallem lil sħabu. Daŭn, mistagħġbin għall aħħar, riedu jaraŭ chif ser joħroġ minnha:

« Chif? mel'hu tgħallem li sejjer igħallem lilna? »

« L'aħŭa, » kalilhom jitbissem jidħac l'abbati Rua, x'ħin deherlu li xi ŭieħed minnhom bħallichiecu tfantas u ried jitcabbarlu; «minn għalija, jien nibka dejjem il ħabib tagħcom; imma, ŭakt li jien nsîb ruħi irrid nagħmilha ta surmast, nitlobcom iggibu ruħcom tajjeb »

U l'abbati Rua, tifel bħalhom, għallimhom suriet in-nies fuk l'użin u l'ikjies bil metru.

Ŭakt il corla ta dic is-sèna (1854), l'abbati Rua chien minn tal eŭŭel, fost daŭc tal Oratorju, li mâr

jinchiteb biex idur mal morda, x'ħin Dun Bosco mâr ħajjarhom igħinu ruħhom mill aħjar f'li sptarijiet.

Għodũa ũaħda, Dun Bosco chellu ħabib miegħu idaũũru l'Oratorju, u tellgħu fuk, geũũa id-dakxejn ta gorboġ fejn chien jorkod dan l'abbati Rua. Barra minn sodda, nitfa ta mejda bi clamar biss fukha, u xi ftit cotba u carti fuk tavla mũakkfa fuk erba' madumjiet, xejn actar ma chellu fil camra. Iżda, l'indafa cbira f'dac il fakar, għaġġbitu lil ħabib ta Dun Bosco u ried jâf mîn chien jokogħd hemm, biex jifraħlu!

« Nistħajjlu xi kaddis,mîn jokogħd f'din il camra!» kallu lil Dun Bosco.

Dun Rua, minn dejjem chien iħobb iżomm collox bil galbu, u dan sũielu ũisk il kuddiem, għaliex chien jista jakdi bosta xogħlijiet f'kasir żmien bla tfixchil ta xejn, mkâr meta laħak General ũara Dun Bosco.

Għidna li meta Dun Bosco chien jixtiek ħaġa, biż-żejjed isemmieha kuddiem l'abb. Rua, u le katt ma nakas minnu li ma għamilhiex. Darba ũaħda, ũara il kuddiesa, l'abb. Rua u ieħor marru ħadulu il cafè. Fil uakt, kabdu f'idhom l'arloġġ ta Dun Bosco ill'inzerta fuk il mejda, u sejjrin iħârsu lejh mistagħġbin, għaliex ħliefu, ma chienx hemm ieħor fl'Oratorju chif iddur! Dlonc, dan l'imbierec ta arloġġ, bup! ũakegħlhom fl'art, u iż-żgieġa tfarrchet.

Dun Bosco, tbissem jidħac u kalilhom b'ċajta: «Issa, biex tpattu, tridu tibkgħu xahar bla cafè!»

Daks gimgħa ũara, Dun Bosco mâr ikaddes għand xi ħbieb tiegħu; u x'ħin ũaslu għall cafè, il conti Eugeniu De Maistre, ũieħed minn ulied sîd id-dâr, jiersak lejn l'abbati Rua, igħidlu:



In-Nanna Gherit

«Ejja immorru għalina nieħdu il cafè,isa; u il D.Bosco nħalluħ ŭaħdu ma ommi u missieri.» U hua u ħuh ŭassluh f'camra bil mejda mogħniha bl' aħjar ħŭejjeġ tal ichel, u il ħelu, u minn coll gîd.

«Imma,jaħasra, jien ma nistagħx nieħu xejn! » ŭiegibhom l' abbati Rua.

« Fl'Oratorju, tista ma tieħux, jecc ma jidhirlec; iżda, haŭn le ; ma jixrakx !

L'abb. Rua bakagħ ma riedx jieħu, u il conti Eugeniu telak igħid lil Dun Bosco, biex dan iġagħlu jixrob dakxejn cafè u jiecol xiħaġa. Dun Bosco staksih lil sieħbu x'chienet din tiegħu :

« Ma tâfx ?» ŭieġbu l'abbati Rua. «Dac in-nhar ta meta ŭaka' l'arloġġ ! . . . .

«Mûr, mûr ħu il cafè, ibni!» kallu Dun Bosco. Hecc chif tbiegħed, telak igħid il biċċa tal arloġġ lil Marchiż u l'id-Duchessa.

Żagħżugħ aħjar minnu, ma sataghx isîb Dun Bosco meta mâr kuddiem il Papa Piu id-IX: daks chemm chien iħobb lil Dun Bosco u daks chemm chien jokogħd għalli jixtiek minnu, sħabu, li chienu sitta jeŭ sebgħa, ma għarux għalih l'abb. Rua. Chien ix-xahar ta frâr ta's-sèna 1858. Nhar il Lunziata ta tlet snîn kàbel, l'abb. Rua chien l'eŭŭel uieħed li fosthom rtabat bil voti mal Ordni li Dun Bosco xtâk iŭakkaf, u il-lum jissejjaħ «ta's-Salesiani ta Dun Bosco». Katt, le, f'ħajjtu collha ma 'nsieha Dun Rua dic li sâb ruħu dac in-nhar f'riġlejn Piu IX, daks chemm stagħgeb bil ħleŭŭa tiegħu lejn Dun Bosco! Il Papa, lil Dun Bosco urieh mħabba hecc cbira, illi Chelinu ħass kalbu dejjem actar tingibed lejn dac li chellu il kuddiem icun missieru fl'Ordni li ŭakkaf, u illi hu chellu ucoll icun l'akŭa għajnuna tiegħu.

Mîn ifisser chemm ferħu sħâbu, meta sebaħ dac in-nhar li Dun Michiel Rua kaddes l'eŭŭel kuddiesa tiegħu! Lejliet l'ordinazioni u il-lejl ta kàbel, Dun Rua għaddiehom jitlob biex iħejji ruħu għaliha! Dic ħrara! Dic ħerka ŭakt il kuddiesa fil cnisja iż-żgħira ta Sant 'Anna, f'dakxejn ta raħal, fejn hu u tnejn minn sħâbu marru bil mìxi dac in-nhar, id 29 ta lulju 1860!

L'agħda, kaddes fil cnisja tal Oratorju; u ŭara l'icla ta filgħaxija, Dun Bosco ried li Dun Rua jati *«il lejl it-tajjeb* l'it-tfâl. * Dun M. Rua katt ma chien jinkala' ŭisk

---

* *Din tal «Lejl-it-tajjeb» hija taħdita li jagħmel l'it-tfâl, id-Direttur tal Istituti Salesiani, ŭara l'icla ta filgħaxija, kabel ma imorru jorkdu. Din id-draŭŭa għamlet gîd ŭisk.—Tafu xejn mîn bdieha?..Bdietha in* NANNA GHERIT, *omm Dun Bosco, chif semmejna fil facc. 70 ta'n Nru. 109 tal « Cotba tal Mogħdija taz-Zmien »*

għall priedchi, imma il gîd li chien jagħmel bil cliem tiegħu collhom ħleŭŭa, Allə biss jafu. Dic il lejla, hecc chif it-tfâl rauh ŭakaf, nfexxu igħajjtu chemm jiñlħu: «Viva Dun Rua!» għaliex ma setgħux iżommu iżjed. Dun Rua iżżiehom ħajr; iżda, d!onc kalilhom: «Xejn minn dana collu ma jistħokkli; jecc jidhrilcom li iva, ŭara Alla jien nibka nafu lil Dun Bosco; mela, flimchien ngħajjtu: Viva Dun Bosco! »

Minn issa il kuddiem, Dun Rua u Dun Bosco saru ħaġa ŭaħda. Jecc Dun Bosco chien icollu iŭarrab lejn xi belt oħra, iħalli lil Dun Rua urajh. Lejla ŭaħda, ŭakt li Dun Bosco chien jinsâb fl'Lanzo jippriedca ir-rtîr, Dun Rua tasallu ittra tiegħu: «Int ctibtli li collox miexi seŭŭa hemm fl'Oratorju; iżda, int ma tafx li ħarġulec bil moħbi tlieta m'it tfâl biex marru igħumu f'id-Dora *(xmara li tgħaddi mill belt ta Turin)*. Ŭieħed fosthom ħabat sejjer jitchellem m'hux xierak, imma jien faccartu li m'hux seŭŭa daŭn cliemu.» Haŭn, ŭieħed minn daŭc li semgħu lil Dun Rua jakra din l'ittra, kâm u stkarr li chien minnu u li hu chien il ħâti, u li kalagħ dakka fuk spallejh li ħaseb tahielu xi ŭieħed minn sħabu, u issa kiegħed jintebaħ li chien Dun Bosco li lagħabhielu!

Dun Rua, bħal Dun Bosco, mîn jâf chemm chien jara ħŭejjeġ u icun jâf xorti b'id-dehen li tah Alla, bla ma ħadd ma għarrfu bihom ħliefu jeŭ samagħ bihom!

Dun M. Rua chien il Kaddis li jinħtieġ għal daŭn żmienijietna: fidi kauuija u safja daks il cristall, u ta setgħa cbira; Dun Rua chien il kaddis ta'x xogħol. Mindu għaraf lil Dun Bosco l'eŭŭel darba f'it-tminn sèna tiegħu, sa mjet, Dun Rua ħadem ħamsa u sittin sèna bla katt ma strieħ!

### 4. Omm Dun Rua

L'eŭŭel Dâr ta's-Salesiani, ŭara Valdocco, nfetħet f'Mirabello. Haŭnhecc Dun Bosco bagħat lil Dun Rua, għâd li chien għâdu chemm ħa il kuddiesa! Bagħtu bi ftit abbatini minn tiegħu f'culleġġ ġdid, u colħadd jistagħgeb chif sejjer jagħmel! Dun Rua għamel dac li chien jagħmel Dun Bosco, collox chif tgħallem minnu, jigifieri l'igîb ruħu bil ħleŭŭa ma't-tfâl u ikîs dejjem li ma jiġux fil għâli; u m'hux le bil għajjât jeŭ is-sŭat la darba jakgħu: jigifieri li b'dac l'igħidulu *is-sistema preventiv*, igħallimhom chif igibu ruħhom biex ma jakgħux f'it tiġrib; għax, meta tiġbed lejc kalb tifel, icun fuk ruħu u lvent chemm icun u mkâr ħàbat jitħassar, ħaġa cbira jecc ma trattbux u tcun tista tmexxieh f'it-triek it-tajjba; u minn fuk, jibka actarx jafulec għomru collu!

U chif triduh lil Dun Rua ma jiġbidx lejh it-tfâl, jecc colmîn jiersak lejh biss, iħoss ruħu miġbuda lejh? Daŭc saħansitra li chienu għâdhom ma jafuhx il Dun Bosco, u darreŭhom jitmeżmżu mill kassisin, x'ħin semgħu li dan Dun Bosco (u mîn jâf m'inhu!) bagħat x'uħud minn sħâbu f'Mirabello, bdeŭ rieskin lejn Dun Rua bħalchiecu mbeżżgħin; u x'ħin raŭ ma mîn għandhom x'jaksmu, ma stagħġbux bi ftit u bakgħu biex ngibdu lejh; u daks chemm ħabbeŭh, il chelma tiegħu katt le ma chienu jicsruha! L'abbatini li miegħu, stħajjlu ruħhom kegħdin ma Dun Bosco, għaliex Dun Rua chien għalihom Dun Bosco ieħor; barra minn ŭiċċu, chien jixbħu f'collox, u Dun Rua ma chienx irid ħlief l'irid Dun Bosco.

Dun M. Rua! Mîn jista jâf chemm chien igħacches lilu in-nifsu! Arah jilħak ma colħadd, fil ŭakt li jakdi chemm xogħol chellu; irid li colħadd jiecol għal kalbu,

ŭakt illi għalih in-nifsu xejn ma ifittex; l'eŭŭel ŭieħed li fuk il mejda ma iħallix lokom, għaliex il fdâl tal ħobż jierfagħhom għall icla oħra; chien jorkod ftit, u mîn jista igħid chemm il darba ankas biss mtedd jistrieħ u il-lejl igħaddih jaħdem jeŭ jitlob! Lil Dun Durando, patri minn ta Dun Bosco li aħna gejjna nafuh Torin, darba ŭaħda ġralu li daħħluh jorkod fil camra ta Dun Rua, x'ħin dan mâr iħabbatlu bilchemm, seŭseŭŭ x'ħin Dun Durando chien sejjer jimtedd «Aħfirli,» kallu Dun Rua, « imma, nsejt xiħaġa! »—u Dun Durando jarah b'mistħija cbira ineħħi għuda minn taħt il liżar. Mîn jista jâf chemm chien jagħmel minn dan, biex jitgħacches? U billi lil Dun Durando rah mistagħgeb, ŭieġbu: «M'hu xejn, tâf! U, mbagħd, jien m'hux dejjem nagħmel hecc ! »

Haŭn sejjer ndaħħal ħaġa f 'oħra, biex ma ninsihiex, fuk meta tliet snîn îlu giè haŭn Malta it-tieni darba, u aħna chellna ix-xorti li Dun Rua igħaddi il-lejl magħna biex l'agħda ikaddes fil cappella li għandna id-dâr. Meta l'agħda daħlu fil camra fejn għadda il-lejl, isibu li is-sodda bakgħet bla ma mtesset! Mîn jâf chemm talab għalina il Maltin f 'dac il-lejl, daks chemm chien iħobbna!

Mill fergħa tagħraf is-siġra! Barra milli Dun Rua tista tgħid li rabbieh Dun Bosco, għaliex minn żgħuritu ngibed lejh u ďarrieh bħalu, ma għandniex ninseŭ l'ommu, li bdiet biex nisslitlu f 'kalbu dic l'imħabba t'Alla, li hija il għerf fuk il għerf collu ta'd-dinja. Giannina Rua, mindu binha Chelinu daħal l'Oratorju ta Dun Bosco, telket id dâr fejn chienet u nġabret krîb tiegħu; sachemm, chif semmejna kabel, saret ħaġa ŭaħda mal Oratorju, bħalma chienet in-*Nanna* Gherit. Meta Dun Bosco bagħat lil



Dun Rua fil culleġġ ta Mirabello, kralha f'kalbha lil Giannina, u ħajjarha tmur ma binha.

Din l'omm, għâd li issa mdaħħla f 'iż-żmien ġmiela, chienet màra b'saħħitha ħafna ; màra tal għakal u ta dehen cbir, màra ta's-sabar, tgħacches lilha nfisha bla ma xejn issaħħan rasha bil bluhat ta scrupli, u taraha dejjem tħabrec taħdem u tgħin ruħha għall gîd ta't-tfâl tal culleġġ, bħalma chienet tagħmel fl'Oratorju ta Torin. Bħalma l'imħabba collha tagħha chienet lejn Alla, u żeŭġha, u it-tliet uliedha ; meta, kasir żmien, ŭara meŭt ir-ragel tilfet il ŭieħed minn uliedha, u ŭara sentejn reġ-għet tilfet tifel ieħor, issa moħħha chien biss f'Alla, u Dun Rua, u it-tfâl u is-Salesiani ta Dun Bosco. Chiecu katt darba ndaħlet f'xiħaġa : moħħha fl'indafa ta'd-dâr u it-tisŭija tal ħŭejjeġ. Laħku għaddeŭ il gimgħât is sħaħ bla ma setgħet tgħid chelma ŭaħda biss lil binha, daks chemm chien mħabbat b'ix-xogħol ! Bħalma lil omm Dun Bosco isejjħulha in-*Nanna* Gherit, għaliex omm uliedu is-Salesiani u it-tfâl li magħhom, hecc lil omm Dun Rua jistħokkilha li nsejjħulha in-*Nanna* Giannina għaliex bħala omm ta daŭc l'eluf ta Salesiani l'inchitbu miegħu għal gîd tagħhom u ta tfâl li jitrabbeŭ magħ-hom, għaliex għalihom ħadmet u tħâbtet il bkija ta għomorha.

Dun Rua chellu tasseŭ biex jiftaħar b'omm bħal dic; u actar din l'omm chellha biex tiftaħar b'binha! Giannina Rua bakgħet f'Mirabello sal 1870, u mbagħd reġġħet nġàbret Valdocco (f'Torin), u hemm mietet il 21 ta ġunju ta sitt snîn ŭara, is-sèna 1876.

### 5. Morru għand Dun Rua!

Sèna biss bakagħ f'Mirabello, il għaliex Dun Bosco bagħat għalih biex jarġa fl'Oratorju ta Torin—fejn mbagħd chellu igħaddi ħamsa u erbgħin sèna u fejn ħadem, Alla biss jâf chemm!

Ix-xahar ta april, tliet xhur kàbel, chienet bdiet timbena' il cnisja ta Maria Għajnuna tal Nsara, u Dun Rua daħal għaliha ma Dun Bosco, u ra b'għainejh u mess b'idejh chemm Dun Bosco chien jittama fil ħniena t'Alla. Mîn jâf chemm il darba l'imgħallem li chien jibni dic il cnisja, resak grixti grixti kuddiem Dun Bosco jitolbu igħaddilu mkâr biex iħallas lil ħaddiema la darba jasal is-sibt, u dan iŭieġbu :

« Jien ma għandix; mûr għand Dun Rua!»

Dun Rua chien jieħdu b'it-tajjeb; u dakka ilakkat l'icollu, u oħra jitolbu jittenna; u Dun Rua arah idur bil ħleŭŭa lejn Dun Bosco igħidlu: «Dun Rua, iva, għandu biex, x'ħin Dun Bosco jibagħtlu mniex! » Imma, le ighemghem; u drabi laħak, coss! sejjer isîb ruħu mfixchel ma mîn chienu mdejjnin miegħu, għâd illi bil chelma it-tajjba chien iseŭŭi collox u mîn chellu jieħu, jistabar jittenna.

Darba ŭaħda (u tgħid darba biss!) chellhom jiġu jitħallsu ta cambiali li għalket. Fettxeu collimchien, u ŭisk ħaġa żgħira nġàbret!

«X'nagħmel?» Dun Rua mâr jistaksi lil Dun Bosco.

«Agħmel chif tista! » ŭieġbu.

Dac il ħin jidħol ħabib tagħhom irid ichellem bil għaġla lil Dun Bosco.

«Jaħasra! seŭseŭŭ sejjer nsiefer. . aħfirli. . Imma, jecc

gibtli xiħaġa tajjba, tiha lil Dun Rua, għaliex jâf x'jagħmel biha ! »

U hecc għamel ; lil Dun Rua telaklu f'idejh tliet mitt franc, seŭseŭ it-tnax il lira li dac il ħin chienu jinħtieġulu ! X'ħin Dun Rua kallu biha din tal cambiali, is-sur Carlu Uccelletti (għaliex hu chien) bakagħ jistagħgeb u igħid :

« Actar issa nifhimha li hu mn'Alla li ŭieħed igħin lil Dun Bosco. Daks chemm nista u coll meta nħossni għandi natih xiħaġa, ma 'rridx nonksu lil Dun Bosco !»

Milli rajtu, Dun Bosco moħħu mistrieħ b'Dun Rua; imma, Dun Rua chien dejjem ikîs ma jagħmilx ħlief l'irid Dun Bosco. X'ħin is-sèna 1868, il cnisja ta Maria Għajnuna ta Nsara, f'ix-xahar tal Carmnu, ŭaslet biex titbierec, Dun Rua, daks chemm tħâbat, ħassu ħażin u f'erbat ijiem chien sejjer imut. Lejla ŭaħda, mela, kaleb għall agħâr seŭŭa, u talab il griżma. Dun Lazzèro illi nzerta magenbu, deherlu għandu jittenna lil Dun Bosco. X'ħin daħal l'Istitut, marru dlonc bil lehġa igħidulu li Dun Rua fl'aħħar tiegħu !

« Le, le !» ŭegibhom Dun Bosco. «Jien lil Dun Rua nafu biżżejjed; ma jitlakx bla ma jitlobni is-sensja ! »

U ankas biss ma talagħ xejn jarah f'camartu, u mâr iteftef xiħaġa tal ichel, għaliex chien sâr il ħin ġmielu u biex ucoll ma jaktagħħomx. Malli rah kuddiemu:

« Dun Bosco ! » talbu Dun Rua bil chemm jiflaħ jitchellem; «bericni ! . . . . nħossni sejjer! . . »

« U le, ibni . . u chemm għâd bakagħlec taħdem ! » kallu Dun Bosco.

U Dun Rua samagħ minnu tasseŭ !

Dun Bosco kâl chemm il darba daŭn il chelmjiet

fuk Dun Rua: «*Chiecu' Alla staksieni nsaŭŭar bniedem f'moħħi l'icun għal kalbi u jinkala' bosta u mogħni b'it-tieba u ŭegħidni l'itihuli, minn għalija ma contx katt nobsor b'ŭieħed bħal Dun Rua!*»

Dun Bosco, tafux, m'hux biss li chien jibgħat il colħadd għand Dun Rua; iżda, mîn jâf chemm il darba mâr hu ucoll għandu! Ix-xogħol bèda jiżdied; collim-chien iridu is-Salesiani ta Dun Bosco, għaliex in-nies bdiet tagħraf chemm tisŭa it-trobbija ta't-tfâl minn taħt idejhom; u l Istituti tagħhom bdeŭ jinfetħu f'chemm il belt tal Italja. Il Gvern, ma dan collu, irid surmastri-jiet li jinkalgħu, nclelè ma hemmx schejjel; mîn ilumu? Dun Bosco bagħat minnufih lil x'uħud minn tiegħu igħaddu l'eżami; u fosthom lil Dun Rua. Issa, Dun Rua chien laħak it-tlieta u tletin sèna tiegħu; chif sejjer jagħmel, la darba chien îlu is-snîn iħabbat moħħu mal cotba tal contijiet u ebda żmien actar ma chien fadallu biex jissocta jitgħallem fil cotba l'oħra? Imma, dakka igħaddi il latin lil tifel u dakka il grieg lil ieħor, għâd li ta sicŭit jiġu għalih għal ħaġa u oħra, it-tagħlim ma chienx telku. Ŭaslulu l'eżamijiet; u għâd li dic il ħàbta (is-sèna 1870), it-Taljani daħlu Ruma u ħaduha mal Cni-sja, u il kassisin bdeŭ jistmerruhom u in-nies tal Gvern ma riedux icollhom x'jaksmu magħhom, Dun Rua ħareġ hecc tajjeb mill eżami, li sal egħdeŭŭa tal Cnisja marru ferħulu! Dun Rua, bħalchiecu m'hux hu; telak bilġri lejn l'Oratorju, u bakagħ sejjer b'ix-xogħol tiegħu.

Dun Bosco chellu ucoll is-Sorijiet ta Maria Għaj-nuna tal Nsara, għal bniet; Dun Ġŭann Cagliero *(il-lum iskof salesian)* chien id-direttur tagħhom. Ŭakt li Dun Cagliero chien jinsâb fil missionijiet tal Amerchi, Dun

Bosco bagħtilhom lil Dun Rua: «*Morru għand Dun Rua!*»

Din, issa, isbaħ! Dun Bosco chellu isiefer; ŭieħed milli chienu ikerru għandu, u ħlief għandu ma riedx jiersak, mâr staksih chif sejjer jagħmel la darba icun msiefer.

« Ibka ejja haŭn! » ŭieġbu Dun Bosco.

« Imma, jecc int tcun msiefer? » ried jâf l'ieħor.

« Xorta ŭaħda! Ejja haŭn, u xejn la tibża; issîb il Dun Bosco; għaliex jien sejjer nsiefer u nibka haŭn!»

Dac mâr ikerr, u isîb il Dun Rua, u bakagħ dejjem igħid biha din! Daks chemm Dun Rua farraġlu kalbu, dac l'imbierec xtâk li jibka dejjem isîb lil Dun Rua!

Xiħadd jaraha bi cbira jeŭ jaħbat jakta kalbu jagħmel l'icun kallu Dun Bosco; u Dun Bosco minnufih imur b'moħħu f'Dun Rua tiegħu: «Dac jakdini!» U Dun Rua iħabrec u Dun Bosco jinkèda! «Morru għand Dun Rua!» U għall Dun Rua, mistrieħ katt; mistrieħ ta xejn!

Ilcoll is-Salesiani jafuha, u jien krajtha daks għoxrin sèna îlu meta il Ven. Dun Bosco u Dun Rua chienu mimlijin bil għomor, li Dun Bosco kâl chemm il darba: «*Jecc Dun Rua irid, jista jagħmel miracli!*»

L'eŭŭel miraclu tiegħu, li chien jilħak ma'x-xogħol li chellu: katt ħin ŭieħed ma chien jitlef; jaħdem mindu jisbaħ sa jidlam: u mîn jista igħid chemm il darba chien jibka jaħdem sa jarġa jisbaħ?

Dun Bosco chien jinsâb Ruma, u billi dic il ħàbta chienet timbèna il cnisja tal Kalb ta Geżù, dic il ġmiel ta cnisja li is-Salesiani għandhom hemm, ma satagħx jitlak lejn il belt ta Tulûn (Franza) fejn ŭieħed Conti xtâku biex igħaddilu xiħaġa ta'ż-żgħar, daks chemm chien jafu *igħum f'baħar djun*. Dun Rua tasallu ittra b'daŭn l'erba'



*Kalb il Bororos tal Brażil — Ŭakt l'eŭŭel ħsâd — Oratorji, Biedja u Schejjel (is-sèna 1910)*

chelmjiet: «*Il conti Colle jittenniec Tulûn biex igħaddilec xiħaġa tal flûs. Itlak minnufih . . . Dun Bosco.*»

Mal ħàġra, it-tajn! igħid il Malti. Araŭh il Dun Rua isiefer dic is-siegħa lejn Franza, u imur bl'ittra ta Dun Bosco kuddiem il Conti.

« Int, mela, Dun Rua? » jistaksih dan. «U gejt għal xi għajnuna ta flûs għal cnisja tal Kalb ta Geżù, hux tasseu?. . . . Dalŭakt miegħec ! »

Il Conti iŭarrab, u jarġa l'ura b'romblu carti f'îdu, ikegħdu fuk mejda u jibda igħodd, ŭaħda ŭara l'oħra mija u ħamsin carta ta elf franc il ŭaħda, bħalcl iecu kiegħed iħallas xi dejn li chellu.

Dun Rua ġàbar dac il gîd collu (sitt elef lira!); u billi il Conti deherlu rah jitriegħed, staksih:

« U, issa, chif feħsiebec tmur?. . . .»

« Nieħu it-terza għall Torin ! » ŭieġbu Dun Rua,

« Naħseb li ħsibtha tajjeb ! » kallu l'ieħor.

Biex ankas biss ma jista ħadd jobsor li għaddielu daŭc il flejjes collha, il Conti ankas ma żammu jiecol miegħu lil Dun Rua. U dic il-lejla, Dun Rua rèġa telak lejn Torin, u iddaŭŭar tliet ijiem sa ma ŭasal, jiekaf biss jistrieħ f'xi dâr minn ta's-Salesiani, u ŭasal għajjen mejjet, igîblec ħniena.

Darb'oħra, Dun Bosco riedu miegħu lil Dun Rua biex flimchien iżuru l'istituti salesiani ta Franza u ta li Spanja. Dun Rua, bla ma tniffes xejn, xtàra grammatca spanjola ta sold u nofs, iddobba il ctieb tal *Imitazioni ta Cristu** bli spanjol, u sa ŭaslu li Spanja, tgħallem

* *Dan il ctieb l'isbaħ ŭieħed ŭara il Bibbja, issibu tixtruh għand il Librar G. Muscat ta kuddiem il Posta il Kadima; miġub bil malti minn Annibale Preca.*

il-Isien ta hemm! Meta it-trên bèda diehel geŭŭa Spanja, Dun Rua bèda jitchellem bli spanjol; u Dun Bosco, mistagħgeb, tbissem jidħac u staksih jecc tgħallimx xi erba' chelmjiet biss. Dun Rua ŭieġbu li jâf xi ftit; imma, mbagħd, Dun Bosco chellu jara li jâf jitchellem ġmielu.

Din tfaccarna ta meta, bosta snîn kabel (chien għâdu abbati), ŭakt li is-suldati franciżi, ŭara it-takbida ta Solferino, chienu nġàbru lejn Milan u Torin, Dun Rua, biex jogħġob lil Dun Bosco li ried jinħabb magħhom, chien igħallimhom jictbu bil franciż; din sabieħa, hux? illi uieħed Taljan igħallem il grammatca franciża lil Franciżi! Imma, Dun Rua, chien jâf ġmielu bil grieg ucoll; u metâ giè haŭn Malta, sibna li chien jâf bl'ingliż! Chif chien jagħmel? U chif triduh il Dun Bosco ma jorbotx fuku il Dun Rua, u jibgħat il colħadd għandu, bħalma fl'Egittu, fi żmien il Faraŭni, x'ħin in-nies ŭakt il ġuħ chienu imorru għand is-sultan jitolbuh bil ħniena il kamħ, dan chien ŭiegibhom:

« Morru għand Ġuseppi! »

U tasseŭ li għand dan Ġuseppi chellhom imorru; mnejn, chiecu, it-tmenin elf lira li jinħtieġu ta coll sèna, għa't-tfâl li jinsabu b'xejn fl'Istituti ta's-Salesiani, barra milli jinktieġu għall missionijiet? U Ġuseppi, jigifieri Dun Rua, iħares ħârsa lejn is-Sèma, u il Ħniena t'Alla ma tonksux, għâd li drabi chien irid idum jittallab.

### 6. Dun Bosco ma mjetx

Sachemm Dun M. Rua chien għâdu mimli bil għomor, Dun Bosco bħallichiecu bakagħ magħhom daŭc Uliedu is-Salesiani, għâd li Alla l'imbierec chien sejjaħlu għall hena ta dejjem nhar il 31 ta jannar 1888, u Dun Rua telak għall miegħu *tnejn u għoxrin sèna* ŭara!

Cliem Missierna S. Paŭl lil Corinti, għâdhom jidŭŭ sa'l-lum fost l'insara, ŭara it-tmintax il mitt sèna li ħarġu minn fommu: «Minn għalija, lili issibuni dejjem mħejji biex naħdem għalicom; u jecc icun jinħtieġ, b'kalbi collha ħajjti natieha għa'r-ruħ minn tagħcom.» Hecc ħasseu dejjem f'kalbhom il kaddisin; hecc Dun Rua gjeb dejjem ruħu ma Uliedu is Salesiani tiegħu, l'actar minn mindu Dun Bosco riedu msieħeb miegħu għal collox—u b'is-sensja tal Papa Ljuni XIII, nhar it-8 ta dicembru 1885, għamlu Vici tiegħu bħala Missier ieħor, *biex dac collu li jista jagħmel hu, icun jista bil-jedd collu jagħmlu Dun Rua.*

Seŭ chif kegħdin nsemmu fuk l'imħabba l'irid Geżù bejnietna, nerġgħu immorru l'ura, fi tfulit Dun Bosco, f'iż-żmien li chien għâdu jitgħallem fil belt ta Chieri, fejn chemm il darba bakagħ bil ġugħ għaliex ommu ma chellhiex biżżejjed x'ittih miegħu Bosta drabi, sħabu chienu jaksmu miegħu il frott u il ħobż l'icollhom, għaliex chienu jindunaŭ fiex Ġŭanni Bosco chien jinsâb! Għadda żmien bi żmien, u ŭieħed fosthom, Peppi Blanchard, ltaka' miegħu fi Chieri, mdaŭŭar ma ħafna kassisin, ŭakt li hu chien sejjer id-dâr, mxammar, bi flixcun mbît f'îdu il ŭaħda u xi ftit tal ichel misrur f'mactur f'îdu l'oħra. Hecc chif Dun Bosco lemħu għaddej:



VALPARAISO (CHILÌ) *Tfâl tal Oratorju Salesian*

«Oh, Blanchard!» għajjatlu Dun Bosco. «X'hemm?.. chemm îlni ma narac! chif aħna?»

« Hecc u hecc, sur cavalier!» ŭieġbu Peppi.

« Għaliex ked issejjaħli cavalier?» kallu Dun Bosco. «Għaliex ma tchellimnix bħalma dari ta ħbieb li conn'na? Jiena għâdni Dun Bosco bħalma cont tâfni, u xejn, xejn actar! »

« Aħfirli.... ħsibt li sa issa int lħakt xiħaġa, daks chemm isemmuc!....» bèda itemtem Blanchard, mistħi mistħi, għaliex mxammar chif nzerta u bl'ichel f'idejh.

«Blanchard..» staksih Dun Bosco, jarah bħalchiecu irid iŭarrab minnu, «int jakau bdejt tibża mill kassisin?»

« Jien!..Daks chemm nħobbhom!.. Imma, nħossni nistħi kuddiemcom, liebes hecc ħażin!..» ŭieġbu Peppi.

« Ismagħ, Pepp,» haŭn kallu Dun Bosco «meta cont għâdni nitgħallem, niftacar l'int bosta drabi miegħi ksamt l'ichel.... int cont minn tal eŭŭel li il Ħniena t'Alla nkdiet bîc biex tgħini.» (Haŭn Dun Bosco dâr lejn il kassisin l'oħra u kalilhom chif chienet il biċċa; u mbagħd 'ssocta igħidlu): «Iva, Pepp, jien bkajt dejjem nafulec u nibka nafulec.... gîb idec l'haŭn, u ftacar li coll meta tigi Valdocco, għandec tigi tiecol miegħi.»

Għaddeŭ għaxar snîn (fil 1886), u Peppi Blanchard samagħ li Dun Bosco ma chienx iħossu tajjeb. Telak bilġri lejn Torin, u minnufih lejn l'Oratorju.

« Il-lum ħadd ma jista jarah lil Dun Bosco! » kallu il purtinar.

« Chif?... Dun Bosco haŭn jeŭ m'hux haŭn?» ried jâf Blanchard.

« Haŭn, imma il-lum ma ichellem il ħadd, għaliex ma iħossux fiha! »

« Daks chemm kalli nigi nsibu, ma jistagħx icun li ma narahx ! »

« Imma, lili xi tridni nagħmel, jaħasra! Dan l'ordni li taŭni !» kallu il purtinar.

« M'hux għalija, imma !.... Ili nafu minn tfuliti. U mbagħd, issa li marid, actar jaħtieġli narah ! »

Ma satagħx jieħles minnu ! Dun Bosco giè jâf bih u bagħat igħidlu jitla : u chemm feraħ bih ! Hŭa u ħiereġ minn għandu, Dun Bosco riedhom iżommuh jiecol magħhom; u billi hu ma satagħx jinżel daks chemm chien magħfus bil marda, kalilhom ikegħduh fil mejda fejn chien jokogħd hu, lil dan ix-xŭejjaħ.

U Peppi Blanchard, ŭakt l'ichel, l'is-Salesiani kalilhom ħaġa b'ħaġa fuk meta chienu jitgħallmu flimchien.

M'hux ta b'xejn din l'imħabba t'Alla u ta l'Uliedu is-Salesiani, għaliex Dun Rua, fuk li tgħallem minn Dun Bosco u daks chemm chien jitlob l'Alla bi ħrara cbira, Alla l'imbierec ma satagħx ma iħeggiġhielu dejjem actar dic kalbu. F'it-talb tiegħu, Dun Rua bħalchiecu jitlef sessih: nsemmu ŭaħda li nafuha minn għand Dun Lucchelli. It-23 ta frâr 1887, ŭakt li is Salesiani chienu miġburin fil cnisja tal Oratorju ta Valdocco, filgħodu cmieni, dlonc ħasseŭ theżhiża kaŭŭija u ħsejjes cbar ta ċakciek ta injam, donnha il cnisja sejjra takagħ fukhom: «*Terremot! Terremot!*» bdeŭ igħajjtu; u ilcoll ħarġu barra jirtegħdu, sofor lellux, iħârsu lejn il coppla u jittenneŭha tinżel. X'ħin għadda collox, reġ-ħu daħlu il côr, u isibu lil Dun Rua, ŭaħdu, bla ma tħarrec, bla ma 'ttiesef, bħalchiecu xejn ma ġàra. Hassu jeŭ ma ħassux ? Chien moħħu mistrieħ li xejn ma chellu jiġri ?

Ħadd ma jista igħidu! Nafu biss li hu bakagħ hemm, ŭaħdu, jitlob, bla ma tħarrec.

Dun Bosco ma laħakx kaddes egħluk il *Ħamsin Sèna* ta meta bdiet l'opra tiegħu; ftit xħur kabel, Dun Bosco chien midfun f'in-Noviziat ta's Salesiani f'Valsalice (fil belt ta Torin), u Dun Rua, tliet gimgħât ŭara, telak għall għand il Papa Ljuni it-XIII. Chien ħàbta tal 10 ta nhar il 21 ta frâr 1888, meta Dun Rua sâb ruħu kuddiem il Papa: «Dun Rua,» kallu Ljuni it-XIII, «illum int ŭara Dun Bosco; nagħli għa't telfa cbira tagħcom; iżda, nifirħilcom għaliex *Bosco* chien *kaddis* u ma jistagħx jonkos li mill Genna ma jibkagħx igħincom.»

U bakagħ tasseŭ igħinhom chif kallu il Papa, u chif deher ftit ŭara! Żmien kabel il meŭt ta Dun Bosco, is-Salesiani chienu xtraŭ dâr f'Menilmontant, fi Franza, u chellhom jagħmlu mn'idejhom seŭseŭŭ dac inhar li mâr il Genna! Issa, chif sejjrin jagħmlu biex iħallsu l'elf u mitejn lira (30,000 franc) li chellhom jatu, la darba Dun Bosco m'hux hemm? Ŭakt li Dun Rua chien moħħu f'it-telegrammi l'irid jibgħat l'haŭn u l'hinn, jasallu ŭieħed ta màra li riedet tati xi flûs l'is-Salesiani. Dun Rua ŭiegibha minnufih: «Il flûs li tixtiek tibgħatilna haŭnhecc, ħallieh Parigi, f'id-dâr Nru....» Jumejn ŭara, id-direttur ta dac l'Istitut il ġdid, chiteb lil Dun Rua illi ŭakt li chienu miġburin id-dâr għall att u ma jafu xejn x'għandhom jagħmlu, taslilhom l'aħbâr tal meŭt ta Dun Bosco, u fil ħin xiħadd li jixtiek jâf hux hemm li chellhom jittieħdu xi flûs mibgħutin minn għand Dun Rua! Elf u mitejn lira, ħabba b'ħabba!

Dic il màra, telket bilġri il flûs u marret; in-Nutar ħareġ igħid: «Minn għalija, dejjem għożżejtha l'opra



*L' Oratorju Salesian «Dumincu Savio» ta Birchircara—Is-sèna li aħna fiha (1911)*

ta Dun Bosco ; iżda, issa, ma hemmx fejn naslu iżjed, la darba il ħniena t'Alla turi ruħha magħha b'id-dieher »

Dun Bosco ma chienx mjet! Daks chemm Dun Rua daħħal flûs dic is sèna, satagħ jibgħat colma nħtegilhom Ruma biex isakkfu il cnisja tal Kalb ta Geżù li semmejnielcom. Dun Bosco ma chienx mjet, għaliex Dun Rua bakagħ igħix għalih ! Fil camra ta Dun Bosco, chif għâdha tissejjaħ sa'l-lum għaliex fiha mjet, u seŭseŭŭ fejn chienet is-sodda tiegħu, Dun Rua daħħal dakxejn ta sufan. Din, issa, is-sodda ta Dun Rua, u din bakgħet chiecu sal aħħar ta ħajjtu li ma chienx għaliex it-tobba, fl'aħħar tal marda tiegħu, ġagħluh jidħol geŭŭa dakxejn ta sodda.

Daks chemm il ħbieb ta's-Salesiani stħajjluh Dun Bosco ieħor lil Dun Rua, ŭieħed fosthom, sèna ŭara il meŭt ta Dun Bosco mâr kâl: « Chellna lil Dun Bosco magħna bħal sa sèna ; u il-lum għandna *tnejn !* »

Collox bakagħ miexi xorta bħal żmien Dun Bosco ; l'Istituti cotru, Uliedu żdiedu, il missiunarji is-salesiani siefru għall Amerchi actar minn kàbel Barra m'it 300 Istitut* li chienu fi ħsiebu, bla ma nsemmu daŭc ta's-Sorijiet ta Maria Għajnuna tal Nsara, li issa jagħmlu għalihom, bosta fuk il mitejn elf tifel bcheŭh mejjet il Dun Rua u talbu għa'r-ruħu.—«Ŭisk actar minn miljun rgiel ħarġu mill Istituti ta's-Salesiani f'daŭn it-tnejn u għoxrin sèna li Dun Rua għamilha ta General ta Ulied Dun Bosco: colħadd iraħħamlu għalli għamel għalihom, mkâr daŭc fosthom, iva, li ma jaħsbuhiex bħalu . . »Daŭn

---

* *Mija fl'Italja, tmienja u sittin oħra mkassmin fl'ibljiet tal Europa, mija ħamsa u għoxrin fl'Amerchi għaxra fl'Egittu u it-Terrasanta.*

*u*

cliem il cunsiljer Commendatur Rinaudo, dac in nhar ill[1] mjet Dun Michiel Rua, fl'4 ta fuk nofs inhar ta's-6 ta april 1910, kuddiem il 71 cunsiljeri li chienu jinsabu miġburin flimchien fil municipju ta Torin. U m'hux hu biss tchellem, u m'hux dan biss kalilhom; u dac inhar kishom semmeŭ fuk il ħajja tiegħu collha, u fuk chemm ħàdem u tħàbat għal gîd ta colħadd bla xejn katt fettex lilu in-nifsu !

It Tieni Dun Bosco mjet is-6 ta April 1910 ; imma, Dun Paul Albera, li jigi it-tieni ŭara Dun Bosco, u li il-lum jinsâb General ta's-Salesiani, naħsbu l'icun Dun Rua ieħor, għaliex Dun Bosco, snîn îlu (it-22 ta novembru 1877) chien kâl: «Dun Albera għâd icun it-tieni ŭieħed ta uraja! *Dun Albera icun ta għajnuna cbira għalina!* »

Bħalma dac li Dun Bosco kâl għal Dun Albera, għadda minn għalih, nittamaŭ li ma ndumux ma naraŭ il Cnisja Mkaddsa rebbieħa fuk l'egħdeŭŭa tagħha. Nafu li Dun Bosco chien kâl lil Monsinjur Cagliero, il-lum arciskof ta Sebaste, x'ħin chien għâdu dakxejn ta tifel :

« Ibni, int tcun kassis u tilħak Iskof, u tmur fil bgħid ; u meta mbagħd tixjieħ, tigi Ruma biex tara il Cnisja rebbieħa fuk l'egħdeŭŭa tagħha u tara egħluk il Concilju Vatican. »

Cliem Dun Bosco fuk il Cnisja chienu daŭn: «*Erbamitt jum fuk xahar il ŭard b'żeŭġ ikmra, fl'Italja tkum reŭŭixta cbira. Mitejn jum ŭara dan, il Papa icun jinħtieġlu jitlak minn Ruma, u jibka jiggerra mitejn jum oħra. u mbagħd jarġa jidħol Ruma u jitcanta it-*TEDEUM *ta'r-rebħa fil cnisja ta S. Pietru.*» Mîn jâf dan icunx is-sèna li gejja (1912)?

### 7. Dal gîd collu, mnejn?

Nhar is-7 ta novembru 1889, ŭieħed u għoxrin xahar ŭara li meŭt ta Dun Bosco, chienu għaddejjin mill belt ta Torin, sejjrin lejn Ruma, il pellegrini franciżi. Rassa ma ngħidu xejn f'li stazzjon tal vapur tal art, ilcoll jinxteħtu għarcubtejhom kuddiem kassis.

«Mîn hu dan il kassis?» sejjrin jistaksu bejniethom.

« *Dun Bosco*!» ŭieġbu ŭieħed ta magenbu. Colħadd, issa, feħemha : dac il kassis, chien *Dun Rua* ! Għaliex Dun Rua sâb ruħu hemm, billi il pellegrini chienu bagħtu jitolbuh biex chiecu imur f'li stazzjon ibierichom fil ŭakt li jiekaf il vapur.

Bħal din chienu mbagħd il lakgħat l'oħra li għamlulu meta Dun Rua mâr iżur id-djar ta's Salesiani fi Franza: Dun Rua lakgħugħ bħal sultan; imma, l'actar, ta kaddis li chien, u xejn ankas milli lakgħu lil Dun Bosco.

Ŭieħed patri cabuccin, Fra Tonin Maria, x'ħin Dun Rua għadda minn Nizza, kâl għalih : «Deherli rġait rajt lil Dun Bosco ! Bħalu f'collox: tiegħu dic il ħleŭŭa, tiegħu dic it-tbissima li tiddi fuk xoftejh. Fejn stajna katt nobsru li kaddis, chellu jirtu kaddis ieħor bħalu f'it-trigija tal opri li ŭakkaf? X'ħin il meŭt ħatfitilna lil Dun Bosco, ħbatna nitħassbu u ngħidu: Issa mîn icun jista jilħak ma dan ix-xogħol collu ?. . Imma, Dun Bosco rèġa niżel m'is-Sèma ; b'îdu il ŭaħda iżomm id-daŭl li bih juri lil Dun Rua it-triek mnejn għandu igħaddi, u bl'oħra ineŭŭillu l'għajnuna li kalagħ għalih minn għand Alla. »

Minn Nizza mâr Navarra, u mbagħd Cannes mnejn telak għall ibljiet ta li Spanja. Hŭa u rieġa l'ura, ŭakaf fil belt ta Ljun ; minn hemm għadda Parigi, kasam il baħar u ŭasal Londra, fejn is-Salesiani għandhom



FORTIN MERCEDES—*Is-Salesiani igħallmu ix-xogħol tal biedja l'it-tfâl ta Rio Colorado*

Oratorju u sitt idjar oħra.* Ħabta ta nofs mejju, Dun Rua, ŭara dan il ġiri collu, daħal l'Oratorju ta Torin.

Għaliex Dun Rua, barra minn dal ġiri tiegħu fl'Italja, ma sefirx ftit! Is-sèna 1890 mâr li Spanja, Franza, il Belġu u ŭasal sa Londra; is sèna ta ŭara, dâr Franza u li Svizzra; is-sèna 1894, ŭasal sal Germanja, il Belġu u l'Olanda; rèġa, ŭara sèna, telak għa't Terrasanta; is-sèna 1899, nsibuh fi Franza, li Spanja, il Portugall u l'Algerija; is-sèna 1900, fi Skallija u it-Tunisija; ŭara erba' snîn oħra, bakagħ sejjer sal Polonja, li Svizzra u il Belġu; is-sèna 1906, laħak sal Ingliterra, għadda minn Franza, mâr li Spanja u il Portugall u giena haŭn Malta; is sèna 1908, sàfra tuila sal Austrija, it-Turchija, it-Terrasanta u l'Egittu, u règa għadda minn Malta. L'aħħar darba li tħarrec minn Torin, biex jinżel Ruma f'novembru ta dic is-sèna 1908, għal consagrazioni tal cnisja ta' S. Maria Liberatrici, li is-Salesiani tauha lil Papa Piu l'X bħala tifchira talli għalak il Ħamsin Sèna li chien îlu ikaddes. Dan is-safar collu, biex imur iżûr l'Uliedu is-Salesiani jeŭ biex iŭakkaf jeŭ jiftaħ Djar u Istituti oħra tagħhom. U sa[illegible]mm jasal, jaħdem dejjem, għaliex telf ta żmien katt; u la darba jasal f'nofs Uliedu, biex bil chelma tiegħu, mogħniha bil għajnuna ta's sèma, iŭettakhom f'id-dmirijiet tagħhom u iseddakhom. Bħalma il Ven. Dun Bosco, fl'eŭŭel kuddiesa tiegħu, chien talab l'Alla li

---

* *Dun Bosco bagħat l'eŭŭel Salesiani f'Londra is-sèna 1887, u fetħu Oratorju; mbagħd, is sèna 1897, ŭakkfu id-Dâr ta Burwash; fil 1901, dic ta Farnborouh; sèna ŭara, Dâr oħra f'Chertsey; fil 1903, Oratorju ta's-Sorijiet għal bniet f'Londra: is-sèna 1904, Dâr Londra u oħra f'Guernsay.*

il chelma ta fommu tcun ta gîd għall erŭieħ, u tasseŭ li għamlet gîd cbir, hecc Dun Rua talab lil Uliedu jakelgħulu minn għand Alla li il chelma tiegħu, bil fomm jeŭ bil mictub, tcun ta gîd għalihom. M'hux għageb, mela, li meta Dun Rua chien jitchellem, il chelma tiegħu chienet tmiss il kalb u isseddak lil mîn jismagħha!

Darba ŭaħda, lil Papa Sistu V stakseuh minn għalih chif xtâk imut: «Bil ŭiekfa!» ŭiegibhom; u colħadd jâf chemm ħàdem u b'liema ħerka, f'iż żmien kasir li dâm papa. Dun Rua, il chelma tiegħu chienet dic ta Dun Bosco: « Naħdmu, naħdmu dejjem; nistrieħu il Genna!» U daks chemm ħadmu il ŭieħed u l'ieħor, issa tafu.

Dan, iżda, ma tafuhx: mnejn chienu jiddobbaŭ daŭc il flejjes collha li bihom għamlu il gîd collu li għamlu? M'hux xierak li ŭieħed jokogħd jissamma l'icunu igħidu tnejn bejniethom; imma, din chienu jafuha bosta biex ma ŭaslitlix f'ŭidnejja ucoll:

« Dan l'imbierec ta Dun Rua chif jagħmel biex jiddobba il flûs?» staksa ŭieħed.

« Chif?» ŭieġbu l'ieħor. «Mel'int ma tafx li jilgħab fil *prim'estratt!* »

« Uh! din issa ma nemminhiex! »

« Smajtu b'ŭidnejja lil Dun Bosco igħidha! »

« Mela Dun Bosco ucoll chien jilgħab fil *prim'estratt*?

« U ngħid! f'siegħa, b'*tern*, chien jimla l'ibŭiet!

« Kiegħed ticċajjta, ħabib! Le, le, m'hux minnu!

« Dun Bosco chien igħid illi ikiegħed tliet numri f'idejn il Ħniena t'Alla, u jirbaħ dejjem!

« Għidli, għidli; x'numri chienu?

« *Il fidi*, *it-tama* u *l'imħabba*. B'daŭn it-tliet numri,

rebaħ u għaddeŭ minn idejh il miljuni, bla katt ma chellu ebda renti. Dun Rua, igħidu li jagħmel bħalu.

U chif le, jecc fi tliet snîn nefak fuk it-tmenin elef lira fil cnisja biss tal Madonna Għajnuna tal Nsara? Mnejn giebhom chiecu daŭn il flejjes collha li ma chienitx il Ħniena t'Alla?

Is-sèna 1894, f'sitt snîn ŭara il meŭt ta Dun Bosco, nfetħu tletin Istituti ġodda ta's-Salesiani! Xi snîn kabel, Patri Secondo Franco, giżŭita (li darba kerrejt għandu f'Torin), ŭasal ŭasla għand Dun Bosco, daks chemm chienu ħbieb, bil ħsieb l'iŭissih ma igħaggilx dakshecc jiftaħ djar ġodda ta's-Salesiani, għaliex fl'aħħar jieħel. X'ħin daħal f'camartu, kabel xejn Patri Franco fetaħ fommu biex igħidlu li xtâk chiecu igħidlu, il Ven Dun Bosco bèda isemmi fuk li Alla riedu jagħmel u li ma satagħx ma jismagħx minnu, u Patri Franco ħareġ minn għandu mistagħgeb għall aħħar u le ma kallu li chellu igħidlu. Dun Rua, m'hux għalxejn ŭired isem Dun Bosco, għaliex bħalu chien jaħsibha, bħalu chien jagħmel; u bħalu, nittamau ma 'ddumx, il Cnisja tgħollih bl'isem ta Venerabbli.

F'ŭaħda mill ħolmjiet tiegħu, Dun Bosco ra fil Brażil id-Djar ta's-Salesiani joctru, joctru dejjem, u laħak għadd mal mitejn ŭaħda! Nħallicom taħsbu jecc Dun Rua satagħ ma jifraħx jarahom jiżdiedu id-djar ta Uliedu is-Salesiani, fl'Amerchi! Chif katt triduh jakta kalbu? Dun Rua chien jâf tajjeb li dac il *ħolm* ta Dun Bosco (għaliex hecc Dun Bosco chien iħobb isejjaħlu), ma chienx xi ħolm minn dac li noħolmu aħna.



*Fl'Istitut ta S. Patriziu ta tas-Sliema— Il Hajjatä*

### 8. Nichet u Ferh !

In-nies bdiet actar tingibed lejn l'opra ta Dun Bosco, u f'chemm il belt isemmu torok bl'isem ta Dun Bosco u ta Dun Rua; u haŭn Malta ucoll, tas-Sliema, għandna żeŭġ torok b'isimhom: «*Strada Don Bosco*» u «*Strada Don Rua*»: u chif lil Dun Bosco in-nies laħket katgħetlu xi biċċa m'is-suttana, hecc ucoll lil Dun Rua.

L'eŭŭel darba li giè haŭn Malta, (is-26 ta april 1906), hua u sejjer għand il Gvernatur, daŭc ta madŭaru ndunaŭ li Dun Rua chellu biċċa nieksa m'is-suttana. Chienu għadhom ħiergin mill Istitut ta San Patriziu, u lil Dun Rua kalulu biha din. « M'hu xejn ! m'hu xejn!» ŭiegibhom ; u bakagħ sejjer bħalchiecu m'hux hu.

Imma, bħalma ŭara Ħadd *iż-Żebbuġ*, laħak *tal Passioni*, m'hux collox ŭard u hena ta'r-ruħ għal Dun Rua. Għaliex, jecc il brevi «*Societati vestræ*» li bih Papa Ljuni XIII ta't-18 ta settembru 1893, feraħlu fuk il gîd li jagħmlu l'opri ta Dun Bosco, u jecc il Papa ta'l-lum, Piu X, chitiblu ittra is-17 ta aŭŭissu 1904 li tibda «*Si consentanea meritis*» fejn kâl, fost ħŭejjeġ oħra, li jixtiek li «*collimchien in-nies tgħix għall fehma ta Dac li ŭakkaf is-Salesiani jeŭ talankas jingibdu għal fehma tiegħu*» kalbu ngħafset għall aħħar x'ħin l'egħdeŭŭa tal Cnisja, is-sèna 1907, kalgħu fuk ŭaħda m'id-Djar ta's-Salesiani (dic ta Varazze) daŭc il ħafna klajja, seŭŭaseŭ meta mbdiet il Caŭża tal Beatificazioni ta Dun Bosco. Imma, haŭn dehret ucoll il ħîla u il għakal ta Dun Rua; iva, Dun Rua, daks chemm l'Uliedu chien iħobbhom u daks chemm chien jâf li daŭc il klajja ma setgħuhx icunu minnhom, hu, Dun Rua in-nifsu, b'kalbu minfuda b'is-sejf tal egħdeŭŭa, talab lil Gvern jindaħal u jitchix-

xef fuk collox, biex hecc jista colħadd jagħraf illi is-Salesiani bla ħtija, u iż-żejt jigi f'uiċċ l'ilma: u is-Salesiani ħarġu ta'r-rgiel u stħokkilhom tasseŭ it-tifħir tal egħdeŭŭa ucoll, għaliex x'uħud minnhom ma ħamlux din il ħsara.

Meta fil cappella ta S. Patriziu għamel conferenza, in-nies collha l'ingemgħu jisimgħugħ, rajniehom ħiergin b'id-dmugħ f'għainejhom ; u jien, nistkarr, ġrali hecc ucoll. Dâm jitchellem tliet cŭarti u ħsibnih dâm xi cŭarta ! » X'kâl Dun Rua ? Xejn actar milli satagħ kâl ħaddieħor; ŭisk ankas milli chiecu kâl ħaddieħor ! Mill bkija, tarah bniedem bħal ħaddieħor; niexef, ma fih x'tara xejn: u colħadd jingibed għalih !

Meta mâr il Palestina, hecc chif in-nies lemħitu riesak, marret titolbu bil ħniena li jitlob magħhom għa'x-xìta. Chienu għâdhom fil cnisja, u ix xìta niżlet b'ix-xabagħ !

Ruma, fil Culleġġ ta's-Salesiani, talab l'Alla u fejjak tifel; hua u sejjer lejn il vapur tal art, ŭakaf jara ŭieħed ħabib ta's-Salesiani, u fejjku ucoll. Fuk dan, hemm bosta ħŭejjeġ sbieħ x'ingħidu ; iżda, bħal issa, nħalluhom u nisctu.

Nisctu, iva ; imma, jigi minnu li ngħidu chelmtejn fuk it-tŭissijiet ta Dun Rua l'it-tfâl, colfejn chien jiltaka' magħhom, tŭissijiet l'igħoddu m'hux għa't tfâl biss.

« L'it-tfâl, kabel ma imorru fi djarhom ŭara sèna culleġġ, Dun Bosco chien igħidilhom ifittxu it-tieba. X'ried ifissrilhom biha din il chelma? Ried li jiftacru f'it-talba ta filgħodu u ta filgħaxija, li ikìsu jisimgħu il kuddiesa ta coljum u igħinuha ucoll din il kuddiesa jecc jistgħu ; li ma jonksux jagħmlu dakxejn ta żjara lil

Geżù fil cnisja; li jiersku għall krâr u għa't-tkarbin u ma jibkgħux ma jisimgħuhx xi priedca Nhar-ta-Ħadd. Ix-xogħol, mbagħd, ma imisshomx jitilkuh, mkâr ŭakt il mistrieħ; ix-xogħol, kaŭŭa ta'r-ruħ u tal gisem. Fuk collox, mbagħd, ara katt takraŭ cotba jeŭ ġurnali li jistgħu inisslulcom xi ħsiebijiet ħżiena, jeŭ tagħmluha ma mîn jitchellem m'hux xierak. Ŭeġġħu l'ommcom u il missiercom, ħobbuhom lil ħutcom, uruhom li tafuhulhom lil mîn għallimcom, lil mîn irid il gîd tagħcom, lil mîn igħincom Seŭŭa id-dâr u seŭŭa barra, kîsu l'iggibu ruħcom ta nsara; agħmlu gîd chemm tistgħu, tħittxux lilcom nfuscom; u ftacru dejjem, tfâl, ma terġgħu katt l'ura, iżda li timxu dejjem il kuddiem f'it-triek ta's-seŭŭa.»

Imma, l'isbaħ tŭissijiet ta Dun Rua, l'imgieba tiegħu; xejn ma ikumlec tgħid lil oħrajn x'imisshom jagħmlu, ibda biex turihom chif għandhom jagħmluh! Intcom issa tafu jecc Dun Rua għamilx li xtâk li jagħmlu l'oħrajn: din, iżda, ma tafuhiex. Dun Rua, bħal Dun Bosco, chien igħożż il fakar; fuk hecc lil Uliedu is-Salesiani chien dejjem itennîlhom: «Ftacru fil gîd collu li Alla fil ħniena tiegħu jibagħtilna colfejn jinħtigilna ; ara la katt, mela, taktgħu kalbcom! Imma, niftacru dejjem fi cliem Dun Bosco, li sachemm aħna nibkgħu nħobbu il *fakar*, hu jibka jakelgħelna mill ħniena t'Alla colma ninħtieġu; ta fokra f'il-lbies, ta fokra fl'ichel, ta fokra f'camartna.»

Mela, darba, Dun Rua chien sejjer ŭaħdu lejn Valsalice u jakra xi ittri li chellu f'idejh biex żmien ma jitlifx, x'ħin lemaħ fl'art lokma ħobż kalb it-trâb ta't-triek. Niżel ġabarha; u billi għalih ħadd ma chien jarah, farfrilha it-trâb chemm xejn, u kabad jiecolha bil kalb it-tajjba. Ŭieħed li chien urajh, lemħu u bakagħ iŭasslu

mill bgħid sa ŭakaf f 'id-Dâr ta's-Salesiani ta Valsalice. Chif rah daħal, ħaffef u mâr cencel il bieb, biex jistaksi mîn chien dac il kassis. Chif samagħ li dac chien Dun Rua, l'eŭŭel General ta's-Salesiani ta ŭara Dun Bosco, il missier tal eluf ta ltiema, daks chemm ngibed għalih, sâr ħabib cbir tiegħu, u bakagħ dejjem igħinu milli satagħ.

Għall tliet xhur sħaħ, daks elf ruħ li chienu jaħdmu f'it-tajjâr, ma redux jiftiehmu ma sjed il fabbrica, ŭakt li sjedhom ŭebbsu rashom ma iridux jafu bi ftehim magħhom; u bosta fosthom il ħaddiema, jaħasra, laħku bateu il ġugħ! Ndaħal il Gvern, ndaħlu il ħbieb, le, ħadd ma satagħ isibilhom rcabtu. Dun Rua bagħat għa's-sjeda u bagħat ucoll għall akŭa fost il ħaddiema, fil camra tiegħu ; dac li ma satagħx jagħmel il Gvern b'it-theddid, għamlu Dun Michiel Rua bil chelma it-tajjba tiegħu! X'ħin mjet, ŭakt li għaddejjin bih magenb din il fabbrica, is-sjeda u il ħaddiema tfiehmu iŭakkfu ix xogħol bħala vîżtu għal mîn chien għalihom ta gîd hecc cbir.

Nispicciaŭ bi cliem Patri V. Allegra, fil funerali li saru lil Dun Rua f 'San Patriziu, tas-Sliema, jumejn ŭara meŭtu, it-8 ta april 1910:

« Immorru, Ħuti is-Salesiani, u naslu bil ħsieb kuddiem Dun M. Rua mejjet; u minnu, li ŭiret il fehma ta Dun Bosco, nintleŭ b'dic il ħeġġa li biss tista thenni ix-Xirca tagħna.

« Ersku kuddiemu, intcom ucoll il ħbieb tal Opra Salesiana, intcom li rajtuh haŭn f 'nofscom dan il Kaddis u dejjem għintuh itemm ix-xeŭkat tiegħu għall gîd.

« Morru, madŭaru intcom ucoll, tfâl ta San Patriziu, u ltakgħu ma ħutcom it-tfâl l'oħra ta'd-dinja collha,



Dun V. Allegra

u uruh intcom ucol l'imħabba cbira tagħcom lejh; uruh li ta fuhulu: sal aħħar nifs ta ħajjtu, dejjem ħabbcom!

« Ma daŭca l' eluf il cbar illi għaddejjin minn kuddiemu, issieħbu intcom ta 'd-*Domus* ucoll, li tiftacruh seŭŭa lil dan l'appostlu li chien f 'nofscom meta nfetaħ dan l'Istitut daks chemm chien għall kalbu għal gîd li jista icun għalicom.

« U, fl'aħħarnett, lilcom ucoll ngħidilcom, itilku għall għandu u uruh l'imħabba tagħcom, intcom it-tfâl tal Oratorju, lil Dun Rua li beric'com ħafna drabi, li minncom jittama ħafna gîd għalli gejj.

« Ilcoll chemm aħna, cbâr u żgħâr, nisa u xebbjiet il congregati ta Maria Ausiliatrici, intcom li hennejtulu kalbu lil Dun Rua b'it-tieba tagħcom, bl'imgieba tagħcom ta nsara, ilcoll chemm aħna ngħidu xi talba għalih.

« Issa hu jinsâb fil mistrieħ ta dejjem, hu m'is-Sèma iħares lejna u jiekaf magħna.»

### 9. Dun Rua chien tabib?

Il għerf tiegħu chien cbir, imma hu dejjem żammu moħbi; għall tabib katt ma tgħallem, imma bosta drabi fejjak il morda li ħdejhom resak jeŭ li giè jâf bihom jeŭ xtekuh jitlob l'Alla għalihom biex ifejjakhom: it-tama tiegħu f'Sidtna Maria Għajnuna tal Nsara u f'is-setgħa tal Ven. Dun Bosco kuddiem Alla.

Dun Bosco actar minn darba u tnejn chien kâl li minnu jonkos jecc Dun Rua ma jagħmilx miracli!

Is-Soru Marietta Sorbone chienet îla fuk is-sitt gimgħât f'kiegħ ta sodda, kajla tista titħarrec iżjed, u xejn ma tista iżżomm mħabba nefħa kalila fl'imsaren, u titten-na il meŭt m'il-lum għall agħda, x'ħin Dun Rua l'14 ta dicembru 1890, ŭara li kararha, kalilha tbûs ir-relicuija ta Dun Bosco li hu ralha mdendla ma għonkha u titolbu ifejjakha. Bericha, ġagħalha tagħmel il voti, u ħareġ.*

Iżda, hŭa u ikegħdilha il curuna tal voti fuk rasha, kalilha: «Nixtieklec tibka tgħix snîn daks chemm għan-dec ŭardjiet f'dil curuna. Ŭaslet, chiecu, is-siegħa tie-għec; imma, Dun Bosco jinħteġulu xi miracli biex il Cnisja tgħollih mal beati; ara chif tagħmel u kîs li dan icun ŭieħed minnhom!.. Iva, int tgħix; ma tħekx għall collox; imma, tcun tista tibka taħdem u tagħmel il gîd.. Ftacar, mbagħd, ictbu dan il miraclu. Oħorġu ta ragel lil Dun Bosco, tâf!»

Dun Rua ma chienx ankas laħak niżel it-taraġ, x'ħin il marida ħasset xiħaġa li ma setgħetx tfisser. Daret

---

**Sa dan iż-żmien, is-Sorijiet ta Maria Għajnuna tal Nsara chienu għâdhom taħt it-trigija tal General ta's-Salesiani Il-lum, daks chemm chiber l'Ordni tagħhom, jagħmlu għalihom.*

lejn oħtha, u kaltilha: «Anġolin, għandi il ġugħ!» Din oħtha ħasbitha sejjra tmut: chif riedet tiecol f'dakka ŭaħda, ŭara, tista tgħid, saŭma ta erbgħin ġurnata! X'irid icun? taŭha tiecol. Nofs siegħa bilchemm chienet għaddiet, x'ħin reġgħet talbet xiħaġa tal ichel. Ma'n-nofs ta nhar, chielet sebgħa darbjiet; ħasset ruħa titkaŭŭa, riedet tilbes u tmur għand Dun Rua.

«Il afja tal meŭt!» kalu taħt il lsien ta madŭarha.

Is-Soru ġagħlithom iŭarrbu; kamet, libset minnufih.

«Miraclu! miraclu!» bdeŭ igħajjtu is-Sorijiet chif raŭha nieżla it-taraġ biex tmur tiżżiħajr lil Dun Rua.

L'agħda filgħodu, it-tabib ħaseb li sejjer isibha mejjta, u l'is-Sorijiet chien kalilhom li ma 'ssebħaħx!

«Ma nħoss xejn iżjed, tabib; fekt!» u kaltlu ħaġa b'ħaġa chif marret il biċċa tagħha

Jumejn fuk il feikjen tagħha, is-Soru Marietta Sorbone siefret għall Bordighera, fejn bagħtuha tieħu ħsieb ix-xebbjiet tal Culleġġ li għandhom f'dic il belt.

L'aħħar darba li mâr Ruma (1908), fil Culleġġ ta's-Salesiani ta Trevi (in-naħa tal belt ta Perugja) lil Dun Rua ch enu jittenneŭh bħall erŭieħ tal Purgatorju; u daks chemm ferħu daŭc it tfâl, ankas biss chienu jafu x'inhuma jagħmlu. Ŭieħed minnhom, ŭakt li nieżel it-taraġ, ħassu ħażin jeŭ tfixchel, tgħerbeb u bakagħ bħal mejjet. F'dakka ŭaħda, il ferħ mbidel f'ħemda cbira; it-tabib chemmex xuftejh, id Direttur ma chienx jâf fejn jati rasu:

«Issa chif sejjrin nagħmlu?» bèda igħid «Giena Dun Rua, u ankas biss nistgħu nuruh kalbna!»

«Għaliex kiegħed tiddejjak?» kalulu. «Dun Rua jitlob lil Madonna, u collox jisseŭŭa!»

Dun Rua talagħ fuk, ibierec l'it-tifel li chien mix-ħut fuk is-sodda, bil għarak tal meŭt fuku.

Fl'erba' chelmjiet ta ħilgħaxija l'it-tfâl, daŭc tal *Lejl-it-tajjeb,** Dun Rua kalilhom jitolbu lil Madonna u it-tifel ifiek! Id-Direttur, fuk hecc, ankas bagħat igħarraf lil missier it-tifel, għâd li għadda lejl mŭakkaf u iheŭden, u it-tobba marru jaraŭ l'it-tifel daks għaxra jeŭ tnax il darba sa ma sebaħ. It-tifel bakagħ dejjem xorta; iżda, it-talb ma katagħ xejn.

Fil ħamsa, it-tifel stembaħ bħalchiecu minn ngħâż; ħares madŭaru, u staksa:

« Fejn jien haŭn?.. Hŭa xi ġrali?..

« Ukajt, u bħalchiecu bżajna li ...»

« Dan x'demm hu?» ried jâf x'ħin lemaħ il lożor u il kmîż mtebbgħin b'id-demm (għaliex chienu fasduh).

« Imm'int chif tħossoc?» stakseŭh minnufih.

« Jien?.. ma nħoss xejn! nħossni f'sìcti seŭŭa!»

Fuk hecc, kamet reŭŭixxta fil Culleġġ; ferħ li ma ngħidilcomx; ŭieħed m'it-tobba semgħugħ igħid: «Imma, dan miraclu!» għaliex it-tifel chien mfejjak bħalchiecu katt ma ġralu xejn!

U Dun Rua?.. Telak xi ftit kabel għal li stazzjon tal vapur tal art, biex f'it-triek igħaddi iżûr lil ŭieħed xiħ, xiħ ħafna, illi dejjem għânhom milli satagħ l'is-Salesiani, u nzerta marid. Chien ìlu żmien geŭŭa il friex, imorru coljum ikaddsulu id-dâr, donnu jittenna il meŭt. Dun Rua ineŭŭillu dômna tal Madonna Ghajnuna tal

---

* *Daŭn l'erba' chelmjiet ta filgħaxija, is-Salesiani igħidulhom tal «Lejl it-Tajjeb». Araŭ x'għidna fil faċċ. 69 ta'n Nru. 109 ta daŭn il Cotba tal «Mogħdija taz-Zmien».*

Nsara, u ibiercu biha; il marid ibusha u idendilha ma għonku, u dac in-nhar jibda novena lil Madonna. Dac ix-xiħ, bakagħ biex kâm m'is-sodda u mâr iżur lil Madonna fil cnisja, u ħalla rħama b'tifchira ta dan il feikjen tiegħu ta bla ħsieb tasseŭ.

M'hux tabib biss! Darba ŭaħda fost l'oħrajn, Dun Rua sâb ruħu f'cunvent ta's-Sorijiet biex jagħmel priedca. X'ħin ħareġ fil curitur ta kuddiem il cnisja, is-Sorijiet il professati daru miegħu; iridu jaraŭh għaliex jafu x'kaddis hu. Dun Rua, kalbu tajjba, daħħal îdu fil bût u ħareġ ftit santi: m'id-dakka ta għajn, deherlu hemm biżżejjed għalihom, għaliex chienu ftit, u kabad ikassamhomlhom bejniethom.

Is-santi bdeŭ jonksu, u x'uħud m'is-Sorijiet bdeŭ jibżgħu li sejjrin jibkgħu b'xejn, bħal meta nakas l'imbit f'it-Tieġ ta Kâna. Minn fuk, jarahom bdeŭ rieskin minn naħa l'oħra tal curitur, ħafna novizzi tagħhom: nħallicom taħsbu jecc daŭn chienux jixtieku xi santa ucoll, biex iżommuha fil ctieb tal cnisja b'tifchira tiegħu!

Issa l'imsejchen Dun Rua x'sejjer jagħmel? Iħares lejn îdu, iħares lejn daŭc il ħafna xebbjiet għainejhom fuku. Dun Rua ma jaktagħx kalbu; jibka ikassam; u ŭaħda ŭara l'oħra, chien hemm seŭŭa għal colħadd, għâd li chemm il ŭaħda kalbha ittaktak li tibka b'xejn!

Dun Rua berichom u kabad sejjer biex joħroġ mill cunvent. Soru tiġri biex tilħku, titolbu santa:

« Li cont mal oħrajn, chien imissec ŭaħda ucoll. . . Issa, jaħarsa, ma bakagħlix!» kalilha mbissem Dun Rua.




*It-Tieni General ħara Dun Bosco*

## 10. Il General ta uara Dun Rua

Magenb l'okbra tal Ven. Dun Bosco u ta Dun Rua, riekdin għa'd-dell ta's-siġar ta Valsalice (fil belt ta Torin), il 15 ta aŭŭissu ta bħal sa sèna (1910), ltakgħu il Patrijiet salesiani fil 5 ta fuk nofs-nhar fil cnisja ta San Frangisc ta Sales icantaŭ il *Veni Creator*, biex l'agħda jaħsbu jagħżlu il General tagħhom.

Ħàbta tal 11 ta's-16 ta aŭŭissu, nkraŭ il voti u ħareġ isem Dun Paŭl Albera biex icun hu it-tieni General ta's-Salesiani. Dan nfexx jibchi, u bi tbatija kâm igħidilhom: « Nibka nafulcom talli urejtuni kalbcom; iżda, ŭisk nibża li ma 'ddumux ma icollcom tagħżlu il ħaddieħor!»

Haŭn Dun F. Rinaldi, il Perfett, ħareġ carta b'sigill minn ħobbu, u kalilhom li fiha tinsâb tifchira. U bèda isemmi fuk li nhar it-22 ta novembru 1877 *(tlieta u tletin sèna kàbel)*, nzerta fil Culleġġ ta San Carlu, krîb Monferrato, u ŭakt l'ichel sama' lil Dun Bosco u l'iskof Monsinjur Ferrè u oħrajn igħidu illi lil chiericu Paŭlu Albera, seŭŭa il Cappillan chemm l'arciskof Monsinjur Riccardi di Netro, fixclulu chemm setgħu biex ma jid-ħolx ma's-Salesiani. Dic il ħàbta, Dun F. Rinaldi chellu xi għoxrìn sèna; imma, bakagħ jiftacar li Monsinjur Ferrè staksieh lil Dun Bosco jecc Dun Albera fl'aħħar satagħx jakta xeŭktu, u Dun Bosco ŭieġbu hecc: «M'hux biss li Dun Albera ħeles m'it-tfixchil collu ; iżda, għâd jieħles minn bosta tfixchil ieħor u jibka biex icun IT-TIENI UIEHED urajja. —u mbagħd għadda îdu minn fuk ġbinu, bakagħ ħin bla ŭakt ċass bħalchiecu kiegħed jilmaħ xiħaġa fil bgħid il bgħid, u 'ssocta igħid: «Iva, Dun Albera icunilna ta għajnuna cbira.»

Dun Rinaldi żamm f'moħħu daŭn il cliem ta Dun Bosco, u minn dac iż-żmien bakagħ dejjem jaħseb li ŭara Dun Rua, il ħadd ieħor ma jagħżlu ħlief lil Dun Albera bħala General tagħhom. Chif Dun Rua marad u ŭisk kabel ma ŭasal għal meŭt, Dun Rinaldi chiteb dac li intcom issa tafuh u semma' fuku lil x'uħud m'is-Salesiani, biex tibka tifchira ta daŭc cliem Dun Bosco.

Dun Paŭl Albera tŭieled f'Nona krîb minn Torin, is-7 ta ġunju 1845. Dan laħak, mela, General tal Ordni, fil ħamsa u sittin sèna tiegħu. Alla itih għomor tŭil għal gîd tal erŭieħ.

Il 21 ta ottubru 1871, Dun Bosco bagħtu Genŭa ma żeuġ Salesiani biex jiftaħ Dâr hemmec ; u għâd li flûs ma taħx għajr biex jasal hemm, id-Dâr nfetħet u giebha il kuddiem seŭŭa fil għaxar snîn li bakagħ irigiha, sachemm ħtieġlu jitlak lejn Franza bħala Spettur (Ordnijiet oħra igħidulu Provincial) ta'd-Djar ta hemm. Maħtur bħala ŭieħed tal Consill tal Ordni, is-sèna 1892, dâr l'Europa collha, l'Algerija, it-Tunisija u it-Terrasanta, colfejn jinsabu is-Salesiani, u f'aŭŭissu tal 1900 telak iżûr id-djar tal Amerca u hemmec ma tħabatx bi ftit: għadda mill Argentina, l'Uragŭaj, il Paragŭaj u il Brażil u bakagħ dieħel sa Matto Grosso, il Patagonja, l'Artijiet tal Magellan, il Chilì u il Bolivja, il Perù, l'Ecŭatur u il geŭŭa tal Guadaliża, il Venezŭela u il Colombja, fejn ŭakaf jati missionijiet u igħin bil flûs u ihenn kalb daŭc l'imsiechen mgiddmin ta Agŭa de Dios u ta Contratasion, u mbagħd mâr il Messcu u li Stati Uniti tal Amerca ta Fuk. Collimchien ħabbeŭh lil Dun Albera, għaliex collimchien tħabat għal gîd tal erŭieħ.

Colħadd feraħ meta xterdet din l'aħbâr li Dun Paŭl Albera għamluh General ta's Salesiani; u xi ngħidu għall Franza, fejn chienu isejjħulu «*le petit Don Bosco*» jigifieri Dun Bosco iż żgħir? Mîn kiegħed jicteb fuku daŭn il chelmtejn, ltaka' miegħu bħal sa sèna f'Ruma (1910) u jista iticom chelma li Dun Albera, il ħleŭŭa ta tbissima tiegħu issaħħrec.

U mîn ma jinxegħelx b'imħabba cbira għal gîd ta għajru f'dic Torin bl'Istituti li għandha għal coll xorta ta għaŭġ? Fil krîb tal Oratorju ta's-Salesiani, tinsâb id-Dâr tal Venerabbli Cottolengo, li fiha biss igħixu fuk il *ħamest elef* ruħ, li fiha tiltaka' ma coll xorta ta morda, tfâl u xjuħ, nìsa u rgiel. Tidħol hemm geŭ tintilef! Chemm chien jifraħ Fra Diegu, meta conn'na nsemmulu fukha! U meta xi drabi chien icollu kalbu dejjka, chien irid mîn igħidlu xiħaġa fuk il ħajja tal Cottolengo, fuk it-tâma tiegħu fil ħniena t'Alla, u jierġa lejn il Cunvent jeŭ jibka sejjer lejn l'Istitut li hu ŭakkaf il Ħamrun kalbu mhenniha. Jecc meta tisma biss fukhom daŭn il ġrajja ta mħabba cbira lejn ħutna, tħoss kalbec tinxegħel b'ix-xeŭka li tagħmlilhom il gîd, xi ngħidu għal mîn jitrabba, tista tgħid, f'nofshom daŭn l'opri tal ħniena?

Dun Albera, chif semmejna, dâr xiber xiber il missionijiet is Salesiani tal Amerca t'Isfel u ħadd ma jista ifisser x'chellu jara fost daŭc is-salvaggi tal Brażil u tal Patagonja. «Jecc il Franciżi sejjħulu *le petit Don Bosco*», chif chitbet il Contissa Amalia Capello fil gażżetta il *Piemonte* it-12 ta Jannar li għadda (1911), «mîn għalija naħseb li Dun Albera għâd icun *Dun Bosco cbir*, bħala dac li jibka iriegi it-tmun ta'd-dgħajsa b'id-dehen cbir ta Dun Bosco u ta Dun Rua.—Niftacar l'igħidu fuk

omm li chienet mietilha binha u b'sàbar ma tridx tâf, u tibchi tibchi. Tuielditilha tarbija oħra, ïmma ma chienitx tħobbha daks l'eŭŭel ŭaħda, u dejjem kalbha seŭda għaliex tilfet l'ieħor. Holmot bih fl'aħħar li dehrilha kuddiemha, u dâr lejha, u kalilha: ' Ifraħ, ħanina ommi, jien hu dac iż-żgħir li għandec ! ' M'hux ta b'xejn, naħseb jien li għandhom biex jiħirħu il coll chemm huma is-Salesiani. Lil Dun Albera nistħajjlu Dun Bosco jeŭ Dun Rua ieħor!»

Issa tafu mîn hu Dun Albera ! U tcunu actar tafuh meta ngħidulcom li l'Opra ta Dun Bosco u ta Dun Rua, sejjra il kuddiem xorta ŭaħda taħt it-trigija tiegħu.

Is-sèna li għaddiet, l'1910, nfetħu ħafna Oratorji Salesiani oħra, u chemm il Ċirclu għall ġuventur (*bħall dac ta'd*-DOMUS *ta ta's-Sliema*). Nsemmu ta *Triesti*,li Dun Rua chien ŭegħdu lil Monsignur Nagl, li il-lum Cuġutur tal Cardinal Arciskof ta Vienna; l'Oratorju ta *Vienna*, il belt eŭlenija tal Austrija, fejn jinġabru fuk it-300 tifel, u jaħtiġilhom jaħsbu icabbru ; dac ta *Ivrea*, u ieħor f'*San Giorgio Canavese*; daŭc ta Skallija, f'*Messina* li tahom il flûs għalih il Papa Piu X, u ieħor f'*Taormina* li xtaku jinfetaħ ucoll il Papa, daks chemm talbìtu ŭaħda sinjura ingliża, Miss Hill, li tathom l'art għalih u tgħinu billi takelegħlhom minn għand il ħbieb tagħha, għaliex ħadd ma għandhom mîn igħinhom f'dac ir-raħal fuk muntanja. U Oratorji oħrajn nfetħu krîb *Bolonja*, belt tal Italja; f'*Ixelle* fil Belġu; f'*Jaħŭel* fil Chilì; u f'*Pontebosjo*,l'Iskof Monsinjur Marenco ta Massa-Carrara, talabhom jieħdu ħsieb ta's-Seminarju; u il Papa riedhom jidħlu ucoll għal dac ta *Sassri*, f'Sardinja.

Il Missiunarji Salesiani li telku minn Torin is-sèna li għaddiet għall artijiet tal bgħid, chienu mija u għaxra.

Fost l'Oratorji, għâdna ma semmejniex dac ta *Duminċu Savio* ta Birchircara, li nfetaħ bħal sa sèna, il 31 ta Lulju 1910, u ndaħlu għalih in-Nutar Michelinu L. Casolani u is-Sinjura tiegħu biex bneŭ cappella cbira li tasa' madŭar elf ruħ, u bneŭ tïatrin u dâr għal Patrijiet is-Salesiani. Dun Michiel Sammut, ma ħabricx ftit biex jinfetaħ dan l'Oratorju għall gîd ta't-tfâl ta Birchircara. Fih jilħku jinġàbru mal ħames mitt tifel; tridu taraŭhom jilgħabu il futbôl, u il bandla, u ic-circu; u Dun Michiel Sammut, u kassisin oħra u canonci dejjem magħhom biex jieħdu ħsiebhom. Patri V. Allegra, chien l'eŭŭel Direttur tiegħu, fil ŭakt li ried jilħak mal Oratorju ta ta's-Sliema ucoll, u laħak giebu il kuddiem, x'ħin, mbagħd, nzerta giè m'ic-Cina Patri G. Fergnani, missiunarju, u ŭakt li chien jinsâb haŭn biex jistrieħ, 'ssocta jaħdem hu bħala Direttur, u colħadd jâf chemm għamel għall gîd ta daŭn it-tfâl ta Birchircara; u tibka sejjra hecc sa ma is-Salesiani icunu jistgħu imorru jokogħdu hemm għall collox, għaliex daks chemm iriduhom collimchien, ma jafux chif jakbdu jagħmlu ! Nittamaŭ fil ħniena t'Alla li dejjem jissoctaŭ joctru is-Salesiani, biex daŭn l'Oratorji illi l'eŭŭel ħolkien ta Dun Bosco u l'akŭa fost l'opri li ŭakkaf li bakgħet għall kalbu u għall kalb Dun Rua, icollna daks sitt' oħra minnhom haŭn Malta.

U għandna xeŭka kaŭŭija ucoll, li is-Sorijiet ta Dun Bosco iŭakkfu haŭn Malta xi Oratoriji tagħhom għall bniet, biex daŭn ucoll imisshom sehem minn dan il gîd, seŭŭa għalihom nfushom u seŭŭa għal uliedhom jeŭ għall daŭc li għâd icunu taħt it-trigija tagħhom.



*Fl' Istitut ta S. Patriziu ta tas-Sliema—Li Stampaturi*

## 11. It-Taghlim ta's-Snajja u tal Biedja

F'ix-xahar ta ottobru tal 1910, ngħalket fil belt ta Torin it «Tielet Ŭirja ta'x-Xogħlijiet ta's-Snajja u tal Biedja» ta't-Tfâl illi mrobbijin f'id-Djar ta's-Salesiani fl'Europa, fl'Asia u l'Amerchi. Chien hemm x'tara tasseŭ; chien hemm bosta x'ŭieħed jitgħallem!

Fost ix-xogħlijiet ta's-snajja, mîn nzerta f'din il Ŭirja, chien jista jara dac li bagħtu it-tfâl tal Istitut Salesian ta S. Patriziu ta ta's-Sliema, li kegħdin jitgħallmu ta mastrudaxxi, ta scrapar, ta ħajjatä u ta stampaturi; u dan, barra milli jitgħallmu bl'ingliż, u il mûżca u id-drill, chif semmejna fil Ctieb Nru. 80 tal Mogħdija taz-Zmien: «Ŭlied Dun Bosco f'Malta».

Fuk daŭn ix-xogħlijiet ta's-snajja u tal biedja ta't-tfâl ta's-Salesiani, il għaref Emiliu Zanzi, editur tal gażżetta il *Momento*, kâl erba' chelmjiet ta ragel, illi fihom ħafna x'ittieħem, u li minn għalina ridna chiecu nfissruhomlcom bil malti; iżda, mħabba in-nukkas ta ŭisa f'dan il ctieb, icollna ngibu haŭn xiħaġa żgħira biss, u biha nittama li tcunu tistgħu tifhmu il ħsieb ta Dun Bosco għal gîd tal erŭieħ «*Da mihi animas, cætera tolle* (*tini erŭieħ u il bkija ħudu*) u chif b'*ix-xogħol u it-talb*, hu ried igħallem lil Ŭliedu dac is-*Socialismu** ta's-seŭŭa, li jigifieri mħabba t'Alla u ta bejnietna. B'din il fehma, Dun Bosco *ħalakhom* is-Salesiani tiegħu, chif kâl l'Iskof spanjol ta Milò fil ctieb tal ħajja tiegħu: «*Don Bosco y su obra.*»

Emiliu Zanzi, l'eŭŭelnett l'it-tfâl ta's-Salesiani ferħilhom għa'x-xogħlijiet li bagħtu f'din il *Ŭirja ta Torin*,

---

* *Fuk is-«Socialismu» semmejna fil Ctieb Nru.109 tal Mogħdija taz-Zmien, tibda mill facc. 71.*

għaliex minnhom satagħ jara ir-rekka ta'x-xogħol tagħhom; satagħ jara illi il ħsieb ta mîn igħallimhom, m'hux għall kliegħ tal flûs ta meta daŭn it-tfâl imorru għa'r-rashom, iżda biex jifhmuha li fihom daŭn ix-xogħlijiet għandhom ifittxu il ġîd tal oħrajn bil ġmiel ta dic ir-rekka li fiha nfusha hija tagħlima għal mîn jidhirlu li jista iħaxlef f'ix-xogħol la darba jâf li jista jakla minnu xorta ŭaħda bla ma ifittex joħroġ b'id-dehen tiegħu xi xogħol ġdid minn taħt idejh. Fuk hecc, lil mastrudaxxi u l'is-snajja l'oħra igħallmuhom id-disinn, biex moħħom iħaddmuh u ikisu b'għainejhom ŭakt illi l'idejn itellgħu f'ix-xogħol. Mîn jixrobha, kîsuh mejjet: ħadd ma ifittxu; u mîn ma jâfx id-disinn, kisuh jaħdem fil għàma !

Niefku dakxejn: ma għidx li ix-xogħlijiet collha ta't-tfâl ta's-Salesiani li mbagħtu f'din il *Ŭirja* ma issîb xejn fihom xi tgħid, le! X'uħud chienu tajjbin għall aħħar, oħrajn hecc u hecc, u dan jigifieri li ix-xogħlijiet li mbagħtu f'din il Ŭirja, ma kagħdux jagħżluhom fost it-tajjbin biss; bagħtu li chellhom, biex tasseŭ juru daks chemm jafu u xejn actar ! Li chiecu cont tinzerta ma issîb xejn xi tgħid fuk ebda xogħol, cont tmur b'moħħoc filli kâl il għaref Emerson, li daŭn il Ŭirjiet juruc ħaġa b'oħra u magħmulin għall boloh! Ŭakt li meta tcun tista tlakka ħaġa ma oħra, titgħallem it-tajjeb tagħha, u tkies li xogħol ieħor joħroġloc aħjar; u mîn igħallem, jitgħallem igħallem aħjar ucoll !

Is-Salesiani, mbagħd, milli satagħ ŭieħed jara f'din il Ŭirja, f'it-tagħlim ta's-snajja u tal biedja, iżommu chemm jistgħu ma'd-draŭŭjiet tal artijiet li fihom igħallmu l'it-tfâl, b'it-tâma li actar jiġbduhom lejhom għal gîd ta ruħhom. Bħalchiecu, iż-żraben ta li Spanjoli

għamla oħra minn dic ta Malta, jeŭ minn ta Pernambuco jeŭ ta Kujabà; il ħaddedin ta Franza jaħdmu xort'oħra minn ta Torin. Fost ix-xogħlijiet, chienu isaħħruc daŭc il berdgħât ta't-tfâl tal Bogotà u ta Ibaghè, li għalihom iż-żŭiemel il ħajja tagħhom; u ix-xogħlijiet tal ebbanu tal Bororos u ta tfâl oħra tal artijiet li ftit snîn îlu chienu salvaggi u jatu kîma lil allât tal injam jeŭ ta't-tafal!

F'ħames snîn tagħlim taħt is-Salesiani, jista ŭieħed joħroġ ta ragel f'is-sengħa tiegħu, jecc biss ifittex l'icun jinkala' seŭŭa; is-sengħa ta scarpar illi rasu ittih u ragel tajjeb, actar ta mîn igħożżha minn dac in-nofs għerf ta mîn jidhirlu li jâf xiħaġa tal chitba, il għaliex il ŭieħed jista minn taħt idejh joħroġ xogħol li jibka jissemma, u l'ieħor joħroġloc b'xi ctieb mħaxlef illi itîc li tibchih għall ħàla tal carta, u l'iżjed għall ħsara li jista jagħmel lil mîn icollu is-sabar jakrah.

Dac li għidna għa's-snajja, ngħiduh għal biedja, għaliex is-Salesiani igħallmu ucoll ix-xogħol ta'r-ràba; barra milli huma għandhom oksma cbar taħt idejhom f'xi rħula tal Italja, fejn ħafna tfâl jinġàbru jitgħallmu il biedja, hecc ucoll igħallmu din is-sengħa fl'Argentina u l'artijiet l'oħra tal Amerchi, u f'it-Tunisija. F'it-Terrasanta, mbagħd, ntemmet dic ix-xeŭka ta Isaija: «*Int, ja xagħri li bil għaċċ, thenna. Iva, jithenna ix-xagħri u is-susan jiżhar; u fejn jinsâb niexef, jitgħatta bl'aħdar.*» Issa f'din art Geżù, is Salesiani ħaŭŭlu id-dŭieli u is-siġar, u l'imbit joħroġ tajjeb u l'għasel il ħleŭŭa tiegħu.

Hecc, mela, ŭara li ŭieħed icun tħâbat biex għallimhom, ŭara li it-tfâl icunu tħâbtu daŭc il ħames snin biex jitgħallmu fl'Istituti ta Dun Bosco, iridu ifittxu li irekkgħu dejjem f'ix-xogħol tagħhom; icunu tgħallmu



*Il Cappella tal Oratorju « Ven. Dun Bosco » ta tas-Sliema — Tbierchet il-22 ta ġunju 1909*

icollhom għainejn biex jaraŭ, għakal biex jagħżlu l'aħjar, moħħ biex iħaddmuh chif xierak; u il ħajja tagħhom, chif togħġob l'Alla. Mîn issibu iħabrec biex dejjem jaħdem tajjeb u aħjar, ankas biss jegħja, mkâr jitħâbat: ix-xogħol l'icun mkaddes b'it-talb, jissaffa mill killa tiegħu, u jithenna. U aħna il Maltin ngħiduha ucoll li ix-xogħol is-salmura tal gisem: għalhecc mîn ma jaħdimx, dejjem mrajjad! Ŭara ix-xogħol, il mistrieħ ikaŭŭi il bniedem; m'hux le il mistrieħ ta mîn iħossu għajjen għaliex ma jaħdimx! Niftacar, meta mort Ischia, gżira fil krîb ta Nâpli, daks erba' snîn îlu, cont staksejt lil ŭieħed ħaddiem: «Daŭc id-djar il cbar in-naħa ta Posilipu, sbieħ u ilellxu, x'inhuma?» Dac il ħaddiem dlonc ŭiegibni: «Daŭc?.. fihom imorru jistrieħu it-tliet xhur ta's-sajf il għonja ta Nâpli, illi id-disa' xhur l'oħra ta's-sèna kattgħu iż-żmien ma jagħmlu xejn!» Għidt f'kalbi: «Hecc jitnissel dac is-socialismu li bin il għejra u il mibegħda, u li aħna nitolbu l'Alla ma jitnissilx haŭn Malta; u biex dan ma ngħaddux minn għalih, irid icun it-talb u ix-xogħol u l'imħabba ta bejnietna chif għallimna Geżù.»

Emiliu Zanzi ifaccarna f'Ruskin, għaref ingliż, fuk meta fil cotba tiegħu jitchellem fuk in-nies ta's-snajja: «In-nies ta'x-xogħol iridu iżommu ruħhom bla tebgħa, bla katt ma jitbegħdu m'it-tagħlim it-tajjeb, rgiel dejjem, chelma ikisuha u fil għamîl tagħhom bla tagħŭiġ: dan, mbagħd, inissel il ħîla, u icun ta gîd għal colħadd. «Iva, in-nies ta's-snajja li igibu ruħhom hecc, għandhom l'indafa fi djarhom; dâr żgħira, imma imżejjna bil hena ta uliedhom, għax il barca t'Alla fukhom.»

Haŭn tas-Sliema ucoll, is-Salesiani jagħmlu dmirhom collu biex l'it-tfâl igħallmuhom is-snajja u imexxuhom taħt

it-trigija tagħhom fl'Istitut ta San Patriziu; taraŭhom ŭakt ix-xogħol, seŭŭa il mastrudaxxi fil facc. 18, u il ħajjatä fil facc. 52, chif li scrapar fil facc. 30, li stampaturi fil facc. 68. Fuk it-tagħlim nisrani,mbagħd, ma ngħidu xejn; għaliex intcom tafu chemm jaħsbulhom; il logħob ma jonkoshomx, chif urejnicom f'cotba oħra; u il banda ta San Patriziu, nistħajjilcom smajtuha chemm il darba fil bitħa tal Istitut, f'it-tïatrin ta'd-Domus, u fl'Oratorju ta tas-Sliema u f'dac ta Birchircara; il cant fil cnisja, barra minn ta coll Nhar-ta-Ħadd fil cnisja tal Istitut ta S. Patriziu u il cappella tal Oratorju, giè li smajtuh fil parroccia ta Stella Maris tas-Sliema, fil cnisja tal Carmnu il Belt, ta Ħall Zebbuġ, u oħrajn; ix-xogħlijiet tagħhom tal eżamijiet ħàbta ta's-sajf, rajtuhom ta coll sèna, u in-nies tixtriehom għax jingħoġbu u biex jagħmlulhom il ħìla; l'imgieba tagħhom, meta jibagħtuhom xi darba id-dâr, nistħajjel issibuha dejjem għall aħjar, għaliex bosta ommijiet u missierijiet jixtieku icollhom ix-xorti jibagħtu l'uliedhom għand is-Salesiani, barra milli in-nies tfaħħarhom fuk li mindu geŭ f'nofsna daŭn is-Salesiani u fetħu l'Oratorju Dun Bosco, it-tfâl ta ta's-Sliema mbidlu; u daŭc fosthom li għaddeŭ xi snîn f'id-Dâr ta San Patriziu, il-lum bdeŭ jakelgħu xiħaġa, u jiftiehmu ġmielhom bl'ingliż u b'it-taljan. Seŭŭaseŭ il-bieraħt l'ura ŭaslitli ittra mill Canadà fejn Paulu Mugliett, ŭieħed minnhom, jinsâb f'Point Anne Belleville, Ontario, u jagħmilha ta mastrudaxxa ma tlettax il Malti ieħor fost sħabu, u jakla ħmistax il xelin coljum: u ma jafulhomx ftit l'is-Salesiani.

Il Cav. Comm. J. Howard, il President ta's-«Società di Arti, Manifatture e Commercio» fil lakgħa ta't-28



Patri P. J. O'Grady

ta Dicembru li għadda (1910), meta semmagħ fukhom ix-xogħlijiet ta't-tfâl ta's-Salesiani, kâl hecc:

« Bħa's snîn l'oħra, id-Direttur tal Istitut ta's-Salesiani ta ta's-Sliema (*Father P. J. O' Grady*) stedin 'na is-sèna naraŭ il Ŭirja ta'x-xogħlijiet ta't-tfâl taħt it trigija tiegħu. Jien u x'uħud fostna morna flimchien naraŭ ix-xogħlijiet tagħhom u rajniehom b'irrekka, u nistgħu nixhdulcom li ħarġu ta'rgiel, u l'actar fosthom daŭc ta liscrapar, u ta li stampaturi, tal ħajjatä u tal mastrudaxxi. Fuk collox, għoġobna ŭisk naraŭhom ŭicċhom għa'd daŭl u ferħanin daŭc it-tfâl, li Patri O'Grady riedhom li jagħmlu il ginnastca b'id-dakk tal Banda tal Istitut, fejn daŭn it-tfâl, daks chemm il Patrijiet is-Salesiani jieħdu ħsiebhom, għâd jiġu il kuddiem f 'is-sengħa u joħorġu rgiel tajjba. Din is-Società, biex turihom li tafulhom għal gîd li kiegħdin jagħmlu lil pajjiżna, għaddiet sèba liri l'id-Direttur biex bihom jitxri xi għodda ġdida għa't-tagħlim ta's-snajja. Minn għalina, ilcoll chemm aħna, nixtekulu bosta snîn ħajja u saħħa l'id-Direttur tal Istitut ta's-Salesiani, u l'igħaddihom haŭn Malta għall gîd tagħna.»

## 12. Il Boy's Brigade

« Il Missiunarju iż-Żgħir», dakxejn ta ctieb ta coll xahar, li deher l'eŭŭel darba f'jannar li għadda u li bil ħsieb li jibka joħroġ sa dicembru li gejj, il fehma tiegħu, l'iħajjar it-tfâf isiru appostli fost it-tfâl, għall gîd ta bejniethom u għal daŭc ħuthom iż-żgħar tal missionijiet ic-ciniżi u indiani, u biex igħarraf ucoll l'it-tfâl maltin fuk dac collu l'igħaddi fl'Oratorju ta «Dumincu Savio» ta Bir chircara u fl'Oratorju «Ven. Dun Bosco» ta tas-Sliema.

Fost l'aħbarijiet l'oħra illi nsibu f'dan il *Missiunarju iż-Żgħir,* f'in-Nru. 4 (*ta April 1911*), krajna fih fuk meta tŭakkfet is-«SALESIAN BOYS' BRIGADE» fl'Oratorju ta tas-Sliema, u x'sâr għalihom daŭn it-tfâl minn novembru 1909 sa april 1911. Biex din il Brigade jibka tifchira tagħha f'daŭn il «*Cotba tal Mogħdija taz-Zmien*» ngibu f'dan il Ctieb Nru. 111 dac li nistħajjilcom krajtuh fl'ieħor.

« Mîn jâf chemm il darba intcom ltkajtu magħhom daŭc it-tfâl b'uniformi leŭn ħadrani sabieħ, u mberfla bil gànez ħomor u l'ittri S.B.B. u b'cappell griż *la Boera* b'ir-rix abjad u aħmar, u kliezet kosra, u calzetti suŭed! Tafu xejn daŭc mìn huma? Daŭc, tfâl ta's-*Salesian Boys' Brigade* tal Oratorju ta tas-Sliema. (*L'ittratt tal eŭŭel tfâl tal Brigade b'Patri Allegra f'nofshom, gibnih fil facc.62 ta'n-Nru.109 tal«Cotba tal Mogħdija taz-Zmien»*).

« Din il Brigade, ŭakkafha Patri Allegra, salesian, daks chemm ħàbrec u tħâbat għaliha u giebha il kuddiem is-Surgent Ġużè Mifsud bil għajnuna ucol tal Color Sargent Ġużè Izzo u il Capural Paŭlu Mamo, it-tlieta tal K.O.R.M.R. L'eŭŭel ma bdeŭ jinchitbu fiha din il Brigade, f'ix-xahar ta novembru ta sentejn îlu (1909); u ŭara sèna xogħol b'ir-rġulija, laħħket il mitt tifel tas-



DUN URSO
*l'Eŭŭel Diret. ta'd-Domus*
*u l'Oratorju D. Bosco*

Sliema ; u xi dakshecc ieħor dic li tŭakkfet bħalha, taħt it-trigija ta's-Surgent Calafato, li issa megħjun mill Color Sargent Dimech u il Capural Vella, fl'Oratorju Salesian ta Birchircara.

« Imma, din li ŭaslu mal mitejn it-tfâl ta's-*Salesian Boys' Brigade*, ħaġa żgħira għalli sŭielhom għa't-tagħlim ta'r-ruħ u il gisem f'daŭn it-tmintax il xahar mindu tŭakkfet. Jibdeŭ biex huma għandhom, chemm il darba fil gimgħa, id-*drill*, u is-*signalling* ta's-semafôr,u it-tfâl ureŭ x'jafu meta giehom il Gen.A.Penton C.V.O.,C.B. u ħafna fizzjali tal art u il baħar u il mijiet ta nies jaraŭhom, nhar it-23 ta ottubru li għadda (1910), tas-Sliema fl'Oratorju Salesian, mżejjen bil bnadar, u il Banda ta'd-Duke of Connaught ta Birchircara iddokk, u għoġbot lil colħadd. Dac in nhar, ŭara li Patri V. Allegra, id Direttur tal Oratorju ta tas-Sliema, kàra indirizz lil General Penton, il Curunell A. Samut C.M.G. semmagħ fi ftit cliem li isarrfu ħafna, fuk il fehma ta din il Brigade u il gîd li tista tagħmel, u mbagħd it-tfâl għamlu id-drill u is-signalling. X'ħin dàlam, it-tfâl chellhom it-Torch-Light Tattoo u spiċċa bil cant tal *God Save the King*.

«X'ingħidu, imma, għal *First Aid* li igħallmuhom l'it-tfâl, biex jistgħu jatu l'eŭŭel għajnuna lil mîn icorri sa kàbel ma jilħak it-tabib ? Xi ngħidu għal *Conferenzi* li jagħmlulhom,li bihom jitgħallmu ħafna ħuejjeġ sbieħ li

jisŭeŭlhom il kuddiem, it-tabib il Maggiur Cav. R. Samut, il Curunell A. Briffa, il Curunell J. Gatt, il Curunell A. Samut C M.G., in-Nutar M. L. Casolani, is-sur Fons, il il Maggiur W. Savona, is-sur Fredu Sciortino, is-sur Bert Camilleri, u bosta oħrajn li iridulhom il gîd? (*Minn daŭn il Conferenzi, issibu ŭaħda f'in-Nru. 105; u oħra f'in Nru. 109 ta daŭn il Cotba tal Mogħdija taz Zmien*).

«Ankas it-tagħlim tal versall ma ionkoshom, għaliex dan ucoll igħallmuhulhom. Barra mn'hecc, ħaduhom jaraŭ l'Armerija tal Palazz, il Mużeŭ, San Ġuan u il cannierja tal Grammastri, id-Dockyard*,u fil ŭakt ifehmuhom l'icunu kiegħdin jaraŭ biex dejjem jitgħallmu. Ixxalati ankas ma jonksulhom; nistħajjel 'rajtuhom xi drabi jimmarciaŭ lejn Birchircara biex jiltakgħu ma daŭc sħabhom ta hemm, jeŭ sejjrin lejn Baħar-iċ-Ċagħak, fejn mbagħd bakgħu sa filgħaxjia jagħmlu ix *xammfajt* u jixxalaŭ għal kalbhom, mkassmin għaxra għaxra ma mîn jieħu ħsiebhom, biex collox jimxi dejjem suriet innies u chif irid Alla.

« Din il Brigade, mela, intom issa taraŭ chemm l'ittfâl tisŭielhom, seŭŭa għa'r-ruħ u chemm għal gisem; jigifieri, jitgħallmu igibu ruħhom ma'n-nies, iŭeġġħu lil mîn jagħmilha magħhom ta missier, jinħabbu bejniethom; u il kuddiem icunu ta gîd lil Malta. Araŭ, mela, chemm jistħokkilhom mîn ifaħħarhom l'is-Surgent Ġużè Mifsud, dac li ħàbrec l'eŭŭel ŭieħed biex titŭakkaf din il

---

* *Din il maŭra ta'd-Dockyard, ħàbrec ħafna għaliha Dun Giusepp Darmanin tal Isla, fejn ŭakkaf l' Oratorju ta S. Flippu għa't-tfâl ta hemm, u fejn kiegħed isir ħafna gîd.*



IR-REGINA VITTORIA IT-TUAJJBA
*illi b'tifcħira tagħha*
*il Maltin ŭakkfu*
*l'Istitut Salesian ta San Patriziu*
*ta ta's-Sliema.*

Brigade fl'Oratorju ta ta's-Sliema, il Color Sargent Ġużè Izzo, lil Capural P. Mamo; chif ucoll l'is-Surgent Calafato, li ŭakkaf is-*Salesian Boys' Brigade* fl'Oratorju ta Birchircara; u tajjeb l'icun jâf colħadd, li dan ix-xogħol tal kalb, isir bla ebda ħlâs ta xejn, b'ix-xeŭka biss li icun ta gîd l'it-tfâl li jinġàbru f 'daŭn l'Oratorji Salesiani, b'ittâma li daŭn it-tfâl isiru rgiel chif jixirkilha lil din Malta tagħna illi minn dejjem isemmuha għa'r-rġulija tagħha.

«Is-*Salesian Boys' Brigade*, daks chemm ngħoġbot, il General A. P. Penton C.V.O., C.B. lakagħ it-talba li għamlulu l'icun il President Onorarju tagħha mal Curunell A. Samut C.M.G. u il Curunell A Briffa K.O M.R. b'Vici-Presidenti; u il-lum għandha Cumitat ucoll illi fih President Patri V. Allegra». Haŭn ngibu l'ismijiet tal Membri Onorarji tal Comitat: il Marchiż L. Testaferrata Olivier, Monsinjur Can.P. Galea, il Maggiur F.P. Denaro u il Maggiur G. B. Sciortino, (it-tnejn tal K.O.M.R.), il Curunell A. Gatt, il Ċaptan A. E. Micallef K.O.M.R. Monsinjur Can. Calleja Schembri, in-Nutar M. L. Casolani, Patri P. J. O'Grady S. P., Patri J. O'Reilly, is-sur Fons Galea, il Maggiur W. Savona R.M.R.,il Maggiur Cav. R. Samut M.R C.S., u Sir Richard Micallef K.C.M.G. Tal Cumitat l'ieħor, bi President Patri Allegra, il Membri huma: Dun Anton Fortuna, Vici-President; is-sur Fredu Sciortino, Segretarju; il Color Sargent Ġużè Izzo, Caxxier; is-Surgent Ġużè Mifsud, Istruttur ; u il Capural Paŭlu Mamo, Assistent.

IT-TMIEM.

# Autografo di Fra Diego

Da figlio di San Francesco
scelto da Dio come padre delle
orfanelli vi auguro buona riuscita
del istituto dei padri Salesiani
in Sliema Padri dei fanciulli
abbandonati.

Convento di San Francesco
Valletta 13 Agosto 1898
Fra Diego, ...